DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/422

tal-20 ta' Settembru 2018

dwar l-għajnuna mill-Istat SA 36112 (2016/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Italja għall-Awtorità tal-Port ta' Napli u Cantiere del Mediterraneo S.p.A.

(notifikata bid-dokument C(2018) 6037)

(Il-verżjoni Taljana biss hija awtentika)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u, b'mod partikolari, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) iċċitata/i hawn fuq [1] u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) F'Marzu 2006, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-awtoritajiet Taljani dwar l-appoġġ potenzjali mill-Istat lil Cantieri del Mediterraneo S.p.A. ("CAMED") rigward ix-xogħlijiet ippjanati fuq baċir imbattal mill-ilma li jinsab fil-Port ta' Napli (baċir Nru 3). Wara t-tweġiba tal-awtoritajiet Taljani tat-3 ta' April 2006, il-Kummissjoni la aġixxiet u lanqas investigat il-kwistjoni wara l-kummenti Taljani, u s-servizzi tal-Kummissjoni għalqu l-fajl internament, hekk kif l-appoġġ tqies bħala li ma kien jinvolvi ebda għajnuna mill-Istat. L-Italja qatt ma nnotifikat formalment lill-Kummissjoni l-miżuri inkwistjoni.

(2) Fil-21 ta' Jannar 2013, kumpanija li ssewwi l-bastimenti fil-Port ta' Napli esprimiet tħassib fir-rigward tal-finanzjament ipprovdut mill-awtoritajiet pubbliċi fl-Italja għal tliet proġetti ta' investiment allegatament imwettqa bejn l-2006 u l-2014 għar-rinnovazzjoni ta' tliet baċiri mbattlin mill-ilma (*bacini di carenaggio*) mħaddmin minn CAMED permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni. Il-każ kien irreġistrat bħala SA.36112 (2013/CP) – Allegata għajnuna lil Cantieri del Mediterraneo. Fis-27 ta' Ġunju 2013, l-ilmentatur ipprovda lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali.

(3) Bejn it-28 ta' Frar 2013 u t-12 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-awtoritajiet Taljani fid-dawl tal-allegazzjonijiet tal-ilmentatur.

(4) Fil-21 ta' Ottubru 2013, is-servizzi tal-Kummissjoni kkomunikaw lill-ilmentatur is-sejbiet preliminari tagħhom dwar l-allegata għajnuna mill-Istat lil CAMED u infurmaw lill-ilmentatur li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak iż-żmien, l-allegati miżuri ma dehrux li kienu jikkostitwixxu għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, minħabba li l-preżenza ta' vantaġġ lil CAMED dehret li kienet eskluża. Is-servizzi tal-Kummissjoni spjegaw li f'dak l-istadju ma kien hemm ebda indikazzjoni li l-għajnuna operattiva kienet ingħatat fil-livell tal-operatur, hekk kif CAMED ma dehritx li ġiet meħlusa mill-kostijiet li normalment kien ikollha ġġorr fil-ġestjoni ta' kuljum jew fl-attivitajiet normali tagħha.

(5) Bejn id-19 ta' Novembru 2013 u l-10 ta' Frar 2015, l-ilmentatur ippreżenta aktar informazzjoni. B'mod partikolari, l-ilmentatur esprima tħassib li l-miżuri kienu jirrappreżentaw għajnuna illegali għal investiment lill-Awtorità tal-Port ta' Napli u għajnuna operatorja illegali lil CAMED. Is-servizzi tal-Kummissjoni talbu informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Taljani fis-17 ta' Ġunju 2014, fl-14 ta' Novembru 2014 u fit-12 ta' Marzu 2015, li għalihom l-awtoritajiet Taljani wieġbu fl-1 ta' Awwissu 2014, fit-3 u fid-29 ta' Settembru 2014, fil-11 ta' Frar 2015 u fl-10 ta' Ġunju 2015. Billi l-informazzjoni disponibbli wriet li l-finanzjament pubbliku diġà ngħata, fl-4 ta' Ġunju 2015, is-servizzi tal-Kummissjoni infurmaw lill-Italja li l-miżuri ser ikunu rreġistrati bħala għajnuna illegali (2015/NN) - Għajnuna għall-Investiment lill-Awtorità tal-Port ta' Napli u lil Cantieri del Mediterraneo S.p.A., u r-regoli proċedurali applikabbli ser ikunu dawk stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 [2].

---

[1] ĠU C 369, 7.10.2016, p. 78.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1). Dak ir-Regolament ġie sostitwit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

(6) Fil-21 ta' Settembru 2015, is-servizzi tal-Kummissjoni ltaqgħu mal-awtoritajiet Taljani u l-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali fis-7 ta' Ottubru 2015, li għaliha l-awtoritajiet Taljani wieġbu fid-9 ta' Novembru 2015. Fil-11 ta' Novembru 2015, is-servizzi tal-Kummissjoni ltaqgħu mal-ilmentatur.

(7) Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni għarrfet lill-awtoritajiet Taljani li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE fir-rigward tal-għajnuna.

(8) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ("id-Deċiżjoni tal-Ftuħ") kienet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) fis-7 ta' Ottubru 2016. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar l-għajnuna/il-miżuri.

(9) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn żewġ partijiet interessati: CAMED u l-ilmentatur. Hija bagħtithom lill-awtoritajiet Taljani, li ngħatat l-opportunità li tirreaġixxi; il-kummenti tagħha waslu permezz ta' ittra datata t-12 ta' Jannar 2017.

(10) Il-Kummissjoni bagħtet mistoqsijiet addizzjonali lill-Italja fid-9 u fis-16 ta' Novembru 2017, li għalihom huma wieġbu fl-24 ta' Novembru 2017.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA

2.1. Sfond u l-benefiċjarji tal-għajnuna

(11) Il-Port ta' Napli jinsab fir-reġjun ta' Campania u huwa amministrat minn PAN.

(12) Fil-Port ta' Napli, hemm tliet baċiri mbattlin mill-ilma li huma proprjetà tal-Istat (baċiri Nri 1, 2 u 3) u żewġ baċiri f'wiċċ l-ilma li huma proprjetà ta' żewġ operaturi privati (baċiri Nri 5 u 6).

(13) Il-baċiri mbattlin mill-ilma Nri 1, 2 u 3 jintużaw sabiex jiġu pprovduti attivitajiet ta' tiswija tal-bastimenti minn CAMED u, fil-prinċipju, minn kwalunkwe kumpanija oħra li tagħmel tiswija tal-bastimenti skont "Ir-Regolament għall-operat tal-baċiri għat-tiswija tal-bastimenti tal-Port ta' Napli" ([4]) adottat fl-2002 u mmodifikat aktar tard (ir-"Regolament tal-2002") ([5]). Skont l-awtoritajiet Taljani, il-baċiri mbattlin mill-ilma kollha fil-Port ta' Napli għandhom ikunu disponibbli għall-utenti interessati kollha (eż. kumpaniji oħrajn li jagħmlu tiswijiet tal-bastimenti) abbażi ta' ċerti regoli oġġettivi u definiti minn qabel.

(14) L-awtoritajiet Taljani spjegaw li, wara d-deċiżjoni tal-irtirar mill-Port ta' Napli mill-Fincantieri Group - wieħed mill-akbar operaturi tas-settur tal-bini tal-bastimenti f'dak iż-żmien - fl-aħħar tas-seklu li għadda, il-baċiri kienu jinsabu fi stat ħażin ħafna. F'dak iż-żmien, CAMED ([6]) kienet attiva bħala kumpanija li tagħmel tiswijiet tal-bastimenti fil-Port ta' Napli permezz ta' att ta' konċessjoni tal-art validu mill-1909 sal-2008. Skont l-awtoritajiet Taljani, CAMED qablet li tinvesti fiż-żona, diment li PAN timpenja ruħha li tagħmel għadd ta' investimenti strutturali fuq il-baċiri mbattlin mill-ilma Nri 1, 2 u 3. Wara talba ppreżentata minn CAMED fl-1999 lil PAN, din tal-aħħar qablet li twettaq xogħlijiet sabiex timmodernizza u tagħmel il-baċir imbattal mill-ilma Nru 3 adegwat għall-użu ("il-Ftehim tal-2001") ([7]).

(15) Fl-2001, CAMED talbet minn PAN l-awtorizzazzjoni sabiex twettaq għadd ta' xogħlijiet fuq il-baċiri bi skambju għal estensjoni għal 40 sena tal-konċessjoni tal-art eżistenti (*concessione demaniale*). Wara t-talba ta' CAMED, PAN bdiet il-proċedura amministrattiva skont il-liġi Taljana għall-għoti ta' kuntratt għall-konċessjoni tal-art ([8]). PAN ippubblikat fir-reġistru tal-Muniċipalità u fir-reġistru tagħha stess it-talba ta' CAMED għal konċessjoni tal-art, flimkien mal-pjan tan-negozju għal perjodu ta' 20 jum (mit-18 ta' Jannar 2002 sas-6 ta' Frar 2002). Il-pubblikazzjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet jew il-proposti alternattivi tagħhom. Skont il-proċedura, f'każ ta' oġġezzjonijiet jew ilmenti, id-deċiżjoni dwar l-għoti tal-konċessjoni tittieħed mill-Ministru kompetenti.

(16) Minħabba li PAN ma rċeviet ebda osservazzjoni wara l-pubblikazzjoni tat-talba ta' CAMED, hija tat lil CAMED l-att dwar il-konċessjoni tal-art (*atto di concessione demaniale*) Nru 125 tad-29 ta' Lulju 2004 ("il-Konċessjoni tal-2004") għall-operat u l-użu tat-tliet baċiri mbattlin mill-ilma, bl-obbligu li tagħmilhom disponibbli għall-utenti interessati kollha (pereżempju, kumpaniji oħrajn li jagħmlu tiswija tal-bastimenti) skont ir-Regolament tal-2002.

([3]) Qabbel in-nota f'qiegħ il-paġna 1.
([4]) *Regolamento per l'esercizio dei bacini di carenaggio*, http://porto.napoli.it/wp-content/uploads/2015/05/RegolamentoBacini.pdf.
([5]) L-aħħar modifika tar-Regolament seħħet fl-2012, http://porto.napoli.it/wp-content/uploads/2015/06/Ordinanza_N.6_03-04-2012.pdf.
([6]) L-awtoritajiet Taljani spjegaw li l-kumpanija wettqet numru ta' trasformazzjonijiet korporattivi u biddlet l-isem diversi drabi. Għall-fini ta' sempliċità, id-deċiżjoni tuża l-isem "CAMED" sabiex tirreferi għall-kumpanija, anki jekk fil-passat kienet imsejħa b'mod differenti (Bacini Napoletani S.p.A.).
([7]) Ftehim (*Convenzione*) bejn l-Awtorità tal-Port ta' Napli u Bacini Napoletani S.p.A. (jiġifieri CAMED) tat-12 ta' Ġunju 2001. Skont il-Ftehim tal-2001, CAMED ilha topera l-baċir imbattal mill-ilma Nru 3 mill-inqas sa mill-1959.
([8]) L-Artikolu 36 tal-Kodiċi Navali (*Codice navale*) u l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar il-Kodiċi Navali (*Regolamento per l' esecuzione del codice della navigazione marittima*).

CAMED qablet li tittermina l-konċessjoni tal-art preċedenti, li kienet ilha valida mill-1909. Skont il-Konċessjoni tal-2004, CAMED għandha d-dritt li topera u tuża l-baċiri mbattlin mill-ilma għal 30 sena, li jibdew mit-28 ta' Lulju 2003, minflok l-40 sena mitluba, bi skambju għal miżata fis-sena għall-użu tal-art, ikkalkolata fuq il-bażi ta' parametri legali fissi (EUR/metru kwadru) u aġġustata kull sena għall-inflazzjoni skont id-Digriet Ministerjali tal-15 ta' Novembru 1995. Il-miżata għall-użu tal-art imħallsa matul il-perjodu 2004-2017 hija ppreżentata fit-Tabella 1.

Tabella 1

Miżati ta' konċessjoni

(f'EUR)

Sena	Miżata ta' konċessjoni fis-sena
2004	124 117
2005	103 300
2006	139 900
2007	147 800
2008	146 341
2009	154 392
2010	149 148
2011	153 321
2012	159 071
2013	143 671
2014	142 178
2015	132 664
2016	133 658
2017	133 257

(17) Skont l-Artikolu 1 tal-Konċessjoni tal-2004, it-tul tal-konċessjoni jippermetti l-amortizzament tal-investimenti preċedenti u programm ġdid ta' investimenti minn CAMED b'valur ta' EUR 24 miljun (lira Taljana 47 662 miljun) ([9]). Skont il-Konċessjoni tal-2004, CAMED ipprovdiet ukoll garanzija (*cauzione*) ta' EUR 275 000 fir-rigward tal-obbligi previsti taħt il-konċessjoni.

(18) Skont l-Artikolu 3 tal-Konċessjoni tal-2004, PAN impenjat ruħha wkoll li twettaq xogħlijiet strutturali fuq iż-żona mogħtija lil CAMED sal-2006 u b'mod aktar speċifiku li: (i) tadatta l-impjant tal-ippompjar tal-baċiri Nri 1 u 2; (ii) tibni kaxxun iċċertifikat ġdid ta' baċir imbattal mill-ilma (*barche-porte*) għall-baċiri Nri 1, 2 u 3; (iii) tiżviluppa mill-ġdid il-ħitan (*paramenti*) u l-qiegħ (*platea*) għall-baċir Nru 2; (iv) twettaq żvilupp strutturali mill-ġdid tal-mollijiet (*banchine*) u tal-ħitan għall-baċir Nru 2 u l-moll 33b.

(19) Wara d-Deċiżjoni tal-Ftuħ, l-awtoritajiet Taljani kkjarifikaw li CAMED wettqet investimenti fl-ammont ta' EUR 24 610 420 f'konformità mal-Konċessjoni tal-2004 u investimenti addizzjonali fl-ammont ta' EUR 17 931 075 sal-2016.

2.2. **Allegazzjoni ta' għajnuna mill-Istat mill-ilmentatur**

(20) Fl-ewwel sottomissjoni, l-ilmentatur sostna li CAMED irċeviet għajnuna fiż-żewġ livelli: (i) bħala operatur (jiġifieri maniġer tal-baċiri mbattlin mill-ilma), permezz ta' tnaqqis tal-kostijiet għar-rinnovazzjoni tal-infrastruttura (għajnuna operatorja), u (ii) bħala utent tal-infrastruttura (pereżempju, bħala kumpanija li tagħmel tiswija tal-bastimenti), minħabba li l-infrastruttura, li fil-prinċipju għandha tkun miftuħa għall-utenti finali kummerċjali kollha fuq bażi mhux diskriminatorja, kienet fil-fatt użata biss minn CAMED. L-ilment kien fih ukoll allegazzjonijiet ta' antitrust li mhumiex rilevanti għad-deċiżjoni preżenti u li għalihom l-ilmentatur kien id-destinatarju ta' deċiżjoni separata li ġiet adottata fl-24 ta' Lulju 2014.

([9]) L-ammont ta' investiment speċifikat fil-Konċessjoni tal-2004 huwa tabilħaqq ta' EUR 24 miljun u mhux EUR 24 000 kif iddikjarat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ.

(21) Skont l-ilmentatur, il-vantaġġ li rċeviet CAMED ġej mit-twettiq tax-xogħlijiet li ġejjin ("l-Interventi"):

(1) Intervent Nru 1: Rinnovazzjoni strutturali ta' xi partijiet mill-baċir Nru 3 (ammont ta' għajnuna: EUR 12 928 537).

(2) Intervent Nru 2: Adattament tal-impjant tal-ippompjar tal-baċiri Nri 1 u 2, tiġdid tal-ħitan tal-moll maġenb il-baċir Nri 2 (ammont ta' għajnuna: EUR 23 170 000).

(3) Intervent Nru 3: Tiswija u tisħiħ tal-moll intern tal-baċir Nru 3 (*Molo Cesario Console*) (ammont ta' għajnuna: EUR 13 000 000).

(22) Bis-sottomissjoni tad-19 ta' Novembru 2013, l-ilmentatur estenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-ilment, fejn sostna li l-Interventi taw għajnuna lil PAN, skont il-prattika tal-każistika tal-Kummissjoni ([10]). Skont l-ilmentatur, ser ikun hemm ukoll għajnuna fil-livell tal-konċessjonarja (CAMED) minħabba li l-konċessjoni ma ġietx fdata permezz ta' offerta pubblika, miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja. L-ilmentatur issottolinja wkoll in-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza li tikkonkludi li l-miżata għall-użu tal-art imħallsa minn CAMED tista' teskludi kwalunkwe vantaġġ. Skont l-ilmentatur, il-metodoloġija prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-iffissar tal-miżati għall-użu tal-art (ara l-premessa 16) ma tippermettix li jiġi rifless il-valur miżjud tal-infrastruttura wara l-interventi possibbli, minħabba li dan jikkonsisti f'ammont fiss ta' EUR/metru kwadru.

(23) Fl-1 ta' Ottubru 2015, l-ilmentatur ipprovda wkoll lista ta' deċiżjonijiet ta' PAN (delibere Nru 308/2015, Nru 181/2015, Nru 233/2015, Nru 277/2015, Nru 279/2015, Nru 281/2015, Nru 293/2015, Nru 302/2015) għal xogħlijiet li għandhom jitwettqu fil-baċiri mbattlin mill-ilma, bħala evidenza tal-ksur tal-obbligu ta' waqfien totali.

2.3. **Il-kummenti tal-Italja dwar l-allegata miżura ta' għajnuna mill-Istat/Finanzjament tal-proġett ta' investiment u l-bażi ġuridika**

(24) L-awtoritajiet Taljani kkjarifikaw qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ li parti biss mix-xogħlijiet previsti għar-rinnovazzjoni tal-baċir imbattal mill-ilma Nru 3 tlestew fl-2006, wara proċedura ta' akkwist pubbliku (Intervent Nru 1), filwaqt li x-xogħlijiet previsti mill-Interventi 2 u 3 ma kinux tlestew f'dak iż-żmien. Mill-proġett kollu miftiehem ma' CAMED fil-Ftehim tal-2001 u fil-Konċessjoni tal-2004, parti waħda biss fil-fatt twettqet kompletament.

(25) Skont l-Italja, id-dritt legali li tirċievi l-finanzjament kien diġà ngħata lil PAN fl-1998 skont l-Artikolu 9 tal-Liġi 413/1998, li jistabbilixxi li l-Ministeru tat-Trasport u t-Trasport Marittimu (il-"Ministeru") għandu jadotta programm ta' investimenti fil-portijiet abbażi tat-talbiet tal-Awtoritajiet tal-Port ([11]). Jidher li l-programm ta' investimenti ġie adottat permezz ta' żewġ digrieti maħruġa mill-Ministeru u ġie mmodifikat sussegwentement. L-ewwel digriet tas-27 ta' Ottubru 1999 ([12]) (id-"Digriet Ministerjali tas-27 ta' Ottubru 1999") jelenka 20 port li jibbenifikaw mill-finanzjament nazzjonali u t-tieni digriet ([13]) (id-"Digriet Ministerjali tat-2 ta' Mejju 2001") jestendi dik il-lista għal 25 port. Abbażi ta' dawk id-digrieti, l-Awtoritajiet tal-Port huma awtorizzati li jissellfu jew li jitolbu operazzjonijiet finanzjarji oħrajn għal ammont totali ta' 100 biljun lira Taljana (madwar EUR 51 miljun). Il-Ministeru jħallas lura direttament lill-istituzzjonijiet finanzjarji kull sena ([14]). Għalhekk, skont l-Italja, il-miżuri favur PAN ingħataw fl-1998 permezz tal-Liġi 413/1998.

(26) Wara d-Deċiżjoni tal-Ftuħ, l-awtoritajiet Taljani pprovdew kjarifiki addizzjonali dwar l-ammonti ta' investimenti mill-Istat Taljan u minn PAN.

Intervent Nru 1

(27) L-awtoritajiet Taljani indikaw li x-xogħlijiet fuq l-Intervent Nru 1 bdew fil-21 ta' Ottubru 2002 u tlestew fl-24 ta' Jannar 2006. Il-kostijiet imġarrba fiż-żmien meta ġiet adottata d-deċiżjoni preżenti jammontaw għal EUR 12 859 854,50.

([10]) L-ilmentatur irrefera, *inter alia*, għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża dwar l-għajnuna mill-Istat Nru SA.34940 (N/2012) - L-Italja - *Il-Port ta' Augusta* tad-19 ta' Diċembru 2012 (ĠU C 77, 15.3.2013, p. 1).

([11]) "*Per la realizzazione di opere infrastrutturali di amplimento, ammodernamento e riqualificazione dei porti, il Ministero dei trasporti e della navigazione adotta un programma sulla base delle richieste delle autorità portuali o, laddove non istituite, delle autorità marittime, sentite le regioni interessate*".

([12]) "Decreto 27 ottobre 1999 Adozione del programma di opere infrastrutturali di ampliamento, ammodernamento e riqualificazione dei porti. (GU Serie Generale n.10 del 14-01-2000)"

([13]) "Decreto 2 maggio 2001 Ripartizione delle risorse di cui all'art. 9 della legge n. 413 del 1998, rifinanziate dall'art. 54, comma 1, della legge n. 488 del 1999 e dall'art. 144, comma 1, della legge n. 388 del 2000 per la realizzazione di opere infrastrutturali di ampliamento, l'ammodernamento e riqualificazione dei porti. (GU Serie Generale n.199 del 28-08-2001)"

([14]) Aktar tard ingħata wkoll finanzjament addizzjonali permezz tal-Artikolu 54, il-paragrafu 1, tal-Liġi Nru 488/1999, l-Artikolu 144, il-paragrafu 1, tal-Liġi Nru 388/2000 u l-Artikolu 36 tal-Liġi Nru 166/2002.

Intervent Nru 2

(28) L-Intervent Nru 2 kien koffinanzjat mill-Ministeru fl-ammont ta' EUR 14 971 621,41. L-ammont ta' EUR 5 498 378,59, li għandu jiġi avvanzat parzjalment minn PAN u mbagħad irrimborżat permezz ta' għotjiet ta' flus mill-Ministeru, madankollu ma tħallasx mill-Ministeru.

(29) Għall-Intervent Nru 2, PAN ipprovdiet riżorsi proprji ta' EUR 2 700 000 (Delibera 89/2016 tat-22 ta' Marzu 2016) u EUR 5 830 000 (Delibera 175/2017 tal-31 ta' Mejju 2017).

(30) Ix-xogħlijiet fuq l-Intervent Nru 2 bdew fil-5 ta' Novembru 2012 u sa issa għadhom ma tlestewx. Il-kostijiet imġarrba fiż-żmien meta ġiet adottata din id-Deċiżjoni jammontaw għal EUR 11 192 515,79. Il-kostijiet totali għal dan l-intervent huma pproġettati li jammontaw għal EUR 29 000 000.

Intervent Nru 3

(31) Fl-aħħar nett, l-Intervent Nru 3 huwa ffinanzjat parzjalment permezz ta' riżorsi proprji ta' PAN (EUR 5 091 000, ipprovduti f'Delibera 356/2014 tal-24 ta' Diċembru 2014).

(32) Sa Diċembru 2017, ix-xogħlijiet fir-rigward tal-Intervent Nru 3 kienu għadhom ma bdewx (ix-xogħlijiet ingħataw fid-19 ta' Lulju 2017) u l-kostijiet imġarrba kienu jammontaw għal EUR 6 880,50. Il-kostijiet totali għal dan l-intervent huma pproġettati li jammontaw għal EUR 15 900 000.

(33) Il-kost totali tal-proġett ta' investiment (jiġifieri, it-tliet interventi kollha) huwa ta' EUR 57 759 874,5, li nqasam fi tliet partijiet kif muri fit-Tabella 2.

Tabella 2

Investimenti pubbliċi ppjanati

L-Ammonti ta'	Intervent	Tħallsu?	Data tal-pagament	Kost tal-investiment ippjanat
1. Rinnovazzjoni strutturali ta' xi partijiet mill-baċir Nru 3	9 760 629,57	Iva	8.1.2003 21.12.2004 14.7.2005 26.10.2005 12.12.2011	12 859 854,50
	3 099 224,93	Iva	31.12.2002 26.4.2004 19.4.2005 6.10.2005 24.4.2006	
2. Adattament tal-impjant tal-ippompjar tal-baċiri Nri 1 u 2, tiġdid tal-ħitan tal-moll maġenb il-baċir Nru 2	8 300 000,00	Iva	4.8.2006 27.12.2006 29.12.2006	29 000 000,00
	6 671 621,41	Iva	1.9.2011 22.3.2013 17.12.2014	
	2 700 000,00 (kontribuzzjoni proprja ta' PAN)	Iva	23.3.2016	
	5 498 378,59 (li għandhom jiġu avvanzati minn PAN u rrimborżati mill-Istat Taljan)	Le	Mhux applikabbli	
	5 830 000,00 (kontribuzzjoni proprja ta' PAN)	Iva	31.5.2017	

L-Ammonti ta'	Intervent	Tħallsu?	Data tal-pagament	Kost tal-investiment ippjanat
3. Tiswija u tisħiħ tal-moll intern tal-baċir Nru 3	10 809 000,00	Iva	18.11.2014	15 900 000
	5 091 000,00 (kontribuzzjoni proprja ta' PAN)	Iva	24.12.2014	
Finanzjament totali minn PAN				13 621 000,00
Finanzjament totali mill-Istat Taljan				**44 138 854,50**
Total				**57 759 854,50**

(34) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-finanzjament mill-Istat Taljan diġà mogħti jew impenjat għal dan il-proġett kien jammonta għal EUR 44 138 854,50. Prinċipalment, dan ħa l-forma ta' rimborż dirett magħmul lill-istituzzjonijiet finanzjarji għas-self li daħlet għalih PAN mingħand il-Ministeru, kif ukoll għotjiet diretti lil PAN mill-baġit nazzjonali Taljan. L-awtoritajiet Taljani spjegaw li l-ammont li fadal ta' EUR 13 621 000 (li minnhom EUR 2 700 000 u EUR 5 830 000 kienu għall-Intervent Nru 2 u EUR 5 091 000 għall-Intervent Nru 3) ġie pprovdut minn PAN mir-riżorsi proprji tagħhom, akkumulat fil-kuntest tal-eżerċitar tal-attività ekonomika tagħha tal-ġestjoni tal-port.

2.4. **Raġunijiet għall-bidu tal-proċedura**

(35) Fit-28 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni sabiex tiftaħ investigazzjoni formali fir-rigward tal-miżuri msemmija fuq bil-għan li tindirizza d-dubji tagħha dwar jekk dawn il-miżuri jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont is-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u jekk humiex kompatibbli mas-suq intern.

2.4.1. *Dubji dwar il-preżenza tal-għajnuna lil PAN*

(36) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod preliminari li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont is-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE minħabba li PAN irċeviet riżorsi tal-Istat sabiex tammeljora l-faċilitajiet għat-tiswija tal-bastimenti li huma kummerċjalment sfruttati minnha. PAN – bħala entità li twettaq attività ekonomika f'isem il-proprjetarju, jiġifieri l-Istat Taljan – tista' tiġi kkwalifikata bħala impriża. Għalhekk, dak it-trasferiment jidher li jammonta għal trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u huwa imputabbli lill-Istat.

(37) Barra minn hekk, skont id-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-finanzjament pubbliku jidher li jagħti vantaġġ ekonomiku selettiv lil PAN. Il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk PAN hijiex meħtieġa li twettaq obbligi ta' servizz pubbliku ("OSP") li ġew definiti b'mod ċar u li jissodisfaw l-erba' kundizzjonijiet kumulattivi ta' Altmark. Is-servizz ipprovdut minn PAN (jiġifieri l-kiri ta' faċilitajiet għat-tiswija tal-bastimenti bi skambju għal rimunerazzjoni) ma juri ebda karatteristika speċjali meta mqabbel ma' dawk ta' attivitajiet ekonomiċi oħrajn. Il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk (i) PAN fil-fatt hijiex meħtieġa li twettaq OSP u dawk l-obbligi ġew definiti b'mod ċar, (ii) il-parametri li abbażi tagħhom jiġi kkalkolat il-kumpens ġewx stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti, (iii) il-kumpens ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet imġarrba fit-twettiq tal-OSP, filwaqt li jitqiesu d-dħul rilevanti u qligħ raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi, (iv) l-operatur intgħażilx abbażi ta' proċedura ta' akkwist pubbliku jew jekk il-kostijiet imġarrba għat-twettiq tal-OSP humiex limitati għal dawk ta' impriża tipika (immexxija sewwa u pprovduta bil-mezzi ta' trasport adegwati sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti tas-servizz pubbliku meħtieġa).

(38) Il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod preliminari li l-proġett ta' investiment ser jippermetti lil PAN tkompli l-attività ekonomika li tikri l-baċiri mbattlin mill-ilma, settur li huwa miftuħ għall-kompetizzjoni u l-kummerċ fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll li l-miżura tista' tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ intra-UE.

(39) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni sabet li l-kwalifika tal-miżuri bħala għajnuna mill-Istat ma tirriżultax fi ksur tal-Artikolu 345 tat-TFUE, li jistabbilixxi l-prinċipju tan-newtralità bejn l-entitajiet pubbliċi u privati. Il-Kummissjoni nnotat b'mod preliminari li l-kunsiderazzjoni tal-miżuri bħala għajnuna mill-Istat ma tidhirx li tiddiskrimina kontra l-proprjetarji pubbliċi, hekk kif il-proprjetarji privati fl-istess negozju jkollhom huma wkoll iħejju pjan ta' negozju ex-ante u jwettqu l-investiment biss jekk ikun profittabbli fuq dik il-bażi. Jekk dan ma jkunx il-każ, kemm il-proprjetarji pubbliċi kif ukoll dawk privati jistgħu potenzjalment jirċievu għajnuna kompatibbli jekk jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet kollha previsti fir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-bini tal-bastimenti.

(40) Barra minn hekk, fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod preliminari li l-miżuri inkwistjoni ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala għajnuna eżistenti skont is-sens tal-Artikolu 1(b) tar-Regolament (UE) 2015/1589 ("ir-Regolament Proċedurali") minħabba li l-appoġġ pubbliku għall-faċilitajiet għall-bini u t-tiswija tal-bastimenti tqies bħala li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat anki qabel is-sentenza ta' Leipzig Halle.

2.4.2. *Dubji dwar il-preżenza tal-għajnuna lil CAMED*

(41) Fir-rigward tal-għajnuna possibbli lil CAMED, il-Kummissjoni nnotat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ li l-appoġġ pubbliku lil PAN ħelisha parzjalment mill-kostijiet tal-investiment li kwalunkwe proprjetarju privat ieħor ta' faċilitajiet għat-tiswija tal-bastimenti kien ikollu jħallas b'mod sħiħ, sabiex b'hekk tkun tista' titlob miżati aktar baxxi lil CAMED.

(42) Il-miżuri inkwistjoni huma imputabbli lill-Istat (jiġifieri mogħtija minn PAN, li tifforma parti mill-amministrazzjoni tal-Istat anki jekk l-entità inkwistjoni tgawdi awtonomija legali minn awtoritajiet pubbliċi oħrajn). Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ li billi pprovdiet il-baċiri mbattlin mill-ilma lil CAMED potenzjalment taħt ir-rati tas-suq, PAN setgħet tirrinunzja għar-riżorsi tal-Istat.

(43) Fin-nuqqas ta' sejħa għall-offerti u minħabba li l-miżata għall-użu tal-art li tħallas CAMED lil PAN ġiet ikkalkolata abbażi ta' parametri legali fissi, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod preliminari li l-arranġamenti kuntrattwali bejn PAN u CAMED jistgħu jagħtu vantaġġ ekonomiku possibbli 'il fuq mill-kundizzjonijiet tas-suq lil CAMED billi ġew ipprovduti baċiri mbattlin mill-ilma rinnovati potenzjalment taħt ir-rati tas-suq. Barra minn hekk, anki jekk jista' jiġi aċċettat li CAMED għamlet xi investimenti bi skambju għat-tlestija tal-interventi, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-valur tal-investimenti mwettqa minn CAMED għal PAN, flimkien mal-miżata għall-użu tal-art, jikkorrespondu għall-valur tal-interventi mwettqa minn PAN għal CAMED. B'hekk, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Taljani u lil partijiet terzi jikkummentaw fuq dawn il-konklużjonijiet preliminari.

(44) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk l-erba' kundizzjonijiet ta' Altmark humiex issodisfati b'mod kumulattiv fir-rigward tal-miżuri b'appoġġ għal CAMED.

(45) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-miżuri setgħu jfixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ intra-UE.

2.4.3. *Dubji dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna*

(46) Fir-rigward tal-kompatibbiltà, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod preliminari li l-baċiri mbattlin mill-ilma mhumiex infrastrutturi tat-trasport, iżda faċilitajiet tal-produzzjoni għat-tarzni minħabba li jintużaw għall-bini tal-bastimenti jew għat-tiswija tal-bastimenti u mhux għal finijiet ta' trasport. Konsegwentement, l-għajnuna ma tistax tiġi vvalutata direttament skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE bħala għajnuna għall-investiment għall-infrastruttura tat-trasport.

2.4.3.1. Il-kompatibbiltà tal-għajnuna lil PAN

(47) Il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna lil PAN skont il-Qafas tas-SIEĠ 2011 u skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għas-settur tal-bini tal-bastimenti applikabbli fiż-żmien tal-għoti ta' kull miżura. Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod preliminari li l-għoti fil-prinċipju seħħ meta kull wieħed mill-investimenti kien inkluż fil-programm ta' investimenti abbażi tat-talba tal-Awtoritajiet tal-Port. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-informazzjoni f'dan ir-rigward kienet insuffiċjenti u stiednet lill-Italja sabiex tipprovdi d-dati tal-għoti rilevanti għal kull miżura/Intervent.

(48) Madankollu, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-konformità sħiħa tal-miżuri inkwistjoni minħabba li l-intensità tal-għajnuna dehret li teċċedi l-intensità tal-għajnuna massima permissibbli għall-għajnuna ta' investiment reġjonali għall-faċilitajiet għall-bini tal-bastimenti (li għalihom issir referenza fl-oqfsa suċċessivi), irrispettivament mid-data preċiża tal-għoti ta' kull miżura u taħt il-bażijiet ta' kompatibbiltà li ġejjin li jistgħu jkunu applikabbli għall-għajnuna għall-bini tal-bastimenti:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1540/98 ([15]);

([15]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1540/98 tad-29 ta' Ġunju 1998 li jistabbilixxi regoli ġodda dwar l-għajnuna għall-bini tal-bastimenti (ĠU L 202, 18.7.1998, p. 1).

— Il-Qafas tal-2004 dwar l-għajnuna mill-Istat għall-bini tal-bastimenti, li oriġinarjament kien applikabbli mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2006, u li wara ġie estiż darbtejn sal-31 ta' Diċembru 2008 u sal-31 ta' Diċembru 2011 ([16]);

— Il-Qafas tal-2011 dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-bini tal-bastimenti ([17]), li kien applikabbli għal għajnuna mhux innotifikata wara l-31 ta' Diċembru 2011. L-applikazzjoni ta' dan il-Qafas ġiet estiża sat-30 ta' Ġunju 2014 ([18]);

— Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-perjodu 2014-2020 mill-1 ta' Lulju 2014 ([19]).

(49) Billi l-Italja ma pprovdietx l-informazzjoni meħtieġa sabiex tistabbilixxi d-data ċara tal-għoti, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li twettaq valutazzjoni kompleta tal-kompatibbiltà, minħabba li ma setgħetx tidentifika l-bażi ġuridika korretta. Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni nnotat li ma setax jiġi eskluż li mill-inqas parti mill-miżuri setgħu jiġu ddikjarati kompatibbli skont ir-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat u stiednet lill-awtoritajiet Taljani sabiex jipprovdu analiżi tal-kompatibbiltà għal kull miżura.

2.4.3.2. Il-kompatibbiltà tal-għajnuna lil CAMED

(50) Il-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri taħt il-Qafas tas-SIEĠ 2011 fir-rigward tal-allegata għajnuna lil CAMED.

(51) Madankollu, billi l-Kummissjoni ma setgħetx teskludi kompletament li mill-inqas parti mill-miżuri lil PAN setgħu jiġu ddikjarati kompatibbli skont ir-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat li kienu applikabbli fis-settur tal-bini tal-bastimenti fiż-żmien tal-għoti tal-miżuri, ma kienx eskluż li tali valutazzjoni jista' jinfluwenza wkoll il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà rigward l-għajnuna lil CAMED. Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Taljani sabiex jipprovdu analiżi tal-kompatibbiltà għal kull miżura (rigward CAMED) abbażi tal-liġi applikabbli, skont id-dati tal-għoti ta' kull miżura.

3. KUMMENTI MILL-ITALJA

3.1. Kummenti dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ

(52) Fil-fehma tal-awtoritajiet Taljani, id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tikser is-sorsi primarji tad-dritt tal-Unjoni u l-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba, ċertezza legali, aspettattiva leġittima u protezzjoni ġudizzjarja effettiva. L-Italja ssostni li kwalunkwe deċiżjoni tal-Kummissjoni effettivament tirrevoka deċiżjoni minn qabel li tagħlaq il-każ, li l-Kummissjoni kienet ħadet fl-2006 ([20]).

(53) L-Italja ssostni wkoll li t-tlestija tal-proċedimenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli hija prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ([21]), li tipprevjeni lill-Kummissjoni milli testendi fid-diskrezzjoni tagħha t-tul tal-fażi preliminari tal-investigazzjoni mibdija wara li tirċievi ilment relatat ma' allegata għajnuna li ma tkunx ġiet innotifikata, sakemm tali miżura ma tkunx illegali ([22]). Skont l-awtoritajiet Taljani, dan mhuwiex il-każ fil-proċedimenti attwali.

(54) L-awtoritajiet Taljani jirreferu għall-Artikolu 16(1) tar-Regolament Proċedurali, li abbażi tiegħu l-Kummissjoni ma għandhiex titlob l-irkupru tal-għajnuna jekk dan imur kontra prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

3.1.1. *Dwar il-preżenza tal-għajnuna lil PAN*

(55) Fir-rigward tal-eżistenza ta' għajnuna lil PAN, l-Italja spjegat li l-awtoritajiet tal-port mhumiex impriżi, iżda entitajiet pubbliċi mhux ekonomiċi (*enti pubblici non economici*), irregolati bil-liġi pubblika (pereżempju, il-Liġi Nru 84/1994, il-liġi qafas Taljana dwar il-portijiet) ([23]). L-awtoritajiet tal-port nazzjonali għandhom indipendenza amministrattiva, organizzattiva, regolatorja, baġitarja u finanzjarja. L-Istat Taljan ta lill-awtoritajiet tal-port il-mandat istituzzjonali li jwettqu, f'ismu u biss fl-interess pubbliku, il-funzjonijiet ta' amministrazzjoni, regolamentazzjoni u kontroll tal-portijiet Taljani. Għalhekk, l-awtoritajiet tal-port ma jisfruttawx kummerċjalment l-assi tal-proprjetà tal-Istat, iżda sempliċiment jamministrawhom, b'tali mod li jissodisfaw il-mandat istituzzjonali mogħti lilhom.

([16]) ĠU C 317, 30.12.2003, p. 11. Ara wkoll il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni tal-Qafas dwar l-għajnuna mill-Istat għall-bini tal-bastimenti (ĠU C 260, 28.10.2006, p. 7) u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-estensjoni tal-Qafas dwar l-għajnuna mill-Istat għall-bini tal-bastimenti (ĠU C 173, 8.7.2008, p. 3).
([17]) GU C 364, 14.12.2011, p. 9.
([18]) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-estensjoni tal-applikazzjoni tal-Qafas dwar l-għajnuna mill-Istat għall-bini tal-bastimenti (ĠU C 357, 6.12.2013, p. 1).
([19]) ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1.
([20]) Ara s-sentenza fil-Kawża C-222/92, *SFEI* ECLI:EU:C:1994:396.
([21]) Ara s-sentenza fil-Kawża T-156/94, *Aristrain vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:1999:53.
([22]) Ara s-sentenza fil-Kawża C-362/09 P, *Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2010:783.
([23]) Ara *Legge 28 gennaio 1994, n. 84: Riordino della legislazione in materia portuale, Gazzetta Ufficiale n. 28 del 4-2-1994 - Supplemento Ordinario n. 21*.

(56) L-awtoritajiet Taljani jsostnu li l-awtoritajiet tal-port ma joffru oġġetti jew servizzi fl-ebda suq u, għalhekk, ma jwettqu ebda attività ekonomika. Skont l-Artikolu 6 tal-Liġi Nru 84/1994, l-awtoritajiet tal-portijiet ma jistgħux iwettqu l-attivitajiet fil-portijiet direttament jew indirettament ([24]). Barra minn hekk, l-amministrazzjoni tal-portijiet Taljani hija riżervata bil-liġi għall-awtorità tal-port b'responsabbiltà fiż-żona. Għalhekk, skont l-Italja, waqt li jwettqu l-mandat istituzzjonali tal-amministrazzjoni tal-portijiet Taljani, l-awtoritajiet tal-port ma jaġixxux f'suq miftuħ għall-kompetizzjoni billi (i) ebda parti oħra ma tista' twettaq dik l-attività u (ii) huma pprojbiti milli jwettqu attivitajiet ekonomiċi f'setturi miftuħa għall-kompetizzjoni.

(57) Skont l-awtoritajiet Taljani, il-miżata għall-użu tal-art *(canone demaniale)* mhijiex kumpens għall-forniment ta' servizz ekonomiku, iżda pjuttost korrispettiv għall-okkupazzjoni privata ta' proprjetà pubblika. Il-ġbir tal-miżata, f'isem l-Istat, jaqa' taħt il-mandat istituzzjonali mogħti lill-awtoritajiet tal-port.

(58) Skont l-awtoritajiet Taljani, huma biss il-miżati kummerċjali, li jistgħu jiġu deċiżi b'mod indipendenti mill-awtoritajiet tal-port u kkalkolati skont il-valuri fis-suq, illi jistgħu jikkwalifikaw l-attività bħala waħda ekonomika ([25]). Madankollu, fil-każ preżenti, il-miżata tiġi ddeterminata mid-Digriet Ministerjali Nru 595/1995 abbażi ta' parametri fissi li jirrigwardjaw iż-żona tal-proprjetà li fuqha ngħatat konċessjoni. Il-miżati jiġu applikati mill-awtoritajiet tal-portijiet Taljani kollha għall-konċessjonijiet kollha, irrispettivament mill-użu li l-konċessjonarja tkun bi ħsiebha tagħmel miż-żona inkwistjoni, jew minn kwalunkwe profitt jew telf li jista' jinkiseb. Għalhekk, il-miżata hija parti mill-piż tat-taxxa ġenerali impost fuq entitajiet li joperaw fuq art li hija proprjetà tal-Istat, mhux biss fis-settur tal-bini tal-bastimenti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani jinnotaw li l-miżata ma tistax tiġi stabbilita abbażi tal-valuri tas-suq billi ma hemm ebda suq relatat mas-sjieda u/jew il-ġestjoni tal-assi pubbliċi.

(59) L-Italja tkompli tispjega li l-miżuri ma kinux selettivi minħabba li x-xogħlijiet fuq il-baċiri mbattlin mill-ilma tal-Port ta' Napli huma wieħed mill-bosta investimenti li l-Istat Taljan għamel f'assi li huma proprjetà tiegħu, li mhumiex relatati biss mal-portijiet. L-Istat Taljan jiffinanzja l-manutenzjoni speċifika ta' varjetà kbira ta' assi li jappartjenu lill-pubbliku, fosthom (skont il-Kodiċi tan-Navigazzjoni u l-Kodiċi Ċivili) il-portijiet Taljani, inklużi baċiri tal-ġebel.

(60) Barra minn hekk, il-fondi pubbliċi għal xogħlijiet ta' espansjoni, modernizzazzjoni u ammeljorament tal-portijiet allokati abbażi tal-Liġi 413/1998 (u ffinanzjati mill-ġdid skont il-Liġi Nru 388/2000 u l-Liġi Nru 166/2002) kienu disponibbli għall-awtoritajiet tal-portijiet Taljani kollha ([26]). Il-manutenzjoni speċifika fuq il-baċiri mbattlin mill-ilma Nru 1, 2 u 3 mhijiex deċiżjoni ta' investiment *ad hoc*, iżda tikkostitwixxi trasferiment intern ta' fondi lill-awtoritajiet pubbliċi f'konformità mas-sistema legali nazzjonali, li tistipula li l-Istat għandu s-sjieda tal-portijiet u huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tagħhom. L-awtoritajiet Taljani jsostnu li l-Kummissjoni ma tistax tikkontesta skont l-Artikolu 107 tat-TFUE miżuri li mhumiex selettivi iżda li huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u li jirrappreżentaw espressjoni ta' għażliet ta' politika ekonomika u industrijali ta' Stati Membri individwali.

(61) Fir-rigward ta' vantaġġ ekonomiku possibbli lil PAN, l-awtoritajiet Taljani jqisu li – skont il-Liġi Nru 84/1994 u l-Liġi Nru 112/1998 ([27]) – ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni speċifiċi jitħallsu mill-proprjetarju, jiġifieri l-Istat Taljan u mhux mill-maniġer tal-infrastruttura. Għalhekk, il-finanzjament pubbliku tal-kostijiet speċifiċi tal-manutenzjoni la jnaqqas kwalunkwe piż fuq l-awtorità tal-port u lanqas ma jagħtiha xi vantaġġ.

(62) Barra minn hekk, skont l-Italja, ma hemm ebda vantaġġ ekonomiku għal PAN minħabba li l-miżuri huma meħtieġa għall-eżekuzzjoni tas-SIEĠ, jiġifieri għall-ġestjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma (fi ħdan il-mandat mogħti u l-projbizzjonijiet imposti fuq l-awtorità tal-port skont il-Liġi Nru 84/1994). Skont l-Italja, din l-attività mwettqa mill-awtoritajiet tal-portijiet Taljani kollha hija espressament deskritta mil-liġi nazzjonali bħala li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tas-SIEĠ. Għalhekk, il-miżuri ma jagħtu ebda vantaġġ selettiv lil PAN meta mqabbla ma' awtoritajiet ta' portijiet Taljani oħrajn.

([24]) Skont din il-liġi, il-funzjonijiet ewlenin tal-awtoritajiet tal-portijiet Taljani huma: (a) il-programmazzjoni, il-koordinazzjoni u l-promozzjoni tal-attivitajiet kummerċjali u industrijali mwettqa fil-port; (b) iż-żamma ta' aċċess miftuħ għal infrastrutturi u spazji; (c) l-inkarigu lil partijiet terzi u l-kontroll ta' attivitajiet tal-port immirati sabiex jipprovdu servizzi ta' interess ġenerali lill-utenti tal-port għall-flus.

([25]) L-awtoritajiet Taljani jirreferu għas-sentenza fil-Kawża T-128/98 *Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:2000:290. Skont l-Italja, il-possibbiltà li jiġi stabbilit b'mod liberu l-ammont tal-miżata mitluba mingħand utenti potenzjali minn maniġer tal-infrastruttura hija prekundizzjoni neċessarja u indispensabbli għall-klassifikazzjoni tal-miżata bħala kummerċjali u tal-attività bħala ekonomika.

([26]) Skont l-Italja, fil-qafas tal-pjan nazzjonali għall-ammeljorament tal-portijiet Taljani, permezz tal-adozzjoni tal-Liġi Nru 413/1998, l-awtoritajiet nazzjonali allokaw fondi għat-twettiq ta' xogħol infrastrutturali għall-espansjoni, il-modernizzazzjoni u l-ammeljorament tal-portijiet, li jawtorizzaw lill-awtoritajiet tal-port jinvestu f'xogħlijiet infrastrutturali fil-portijiet ammont totali ta' madwar EUR 50 miljun kull sena.

([27]) Skont l-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 84/1994 u l-Artikolu 104 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 112/1998, il-piż ekonomiku tat-twettiq tax-xogħlijiet speċifiċi ta' ristrutturar fuq infrastruttura pubblika, li tagħha huwa l-uniku proprjetarju, jaqa' biss fuq l-Istat Taljan.

(63) L-awtoritajiet Taljani jirreferu għall-Protokoll 26 tat-TFUE li jagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-awtoritajiet nazzjonali rigward is-SIEĠ u huma tal-fehma li r-rwol tal-Kummissjoni huwa limitat għall-kontroll ta' żball evidenti. Skont l-Italja, l-attività tas-SIEĠ la tikkonsisti fil-kiri ta' infrastruttura għal rimunerazzjoni u lanqas fl-użu dirett tal-infrastruttura minn PAN għat-twettiq ta' attivitajiet ta' bini tal-bastimenti. Il-kamp ta' applikazzjoni tas-SIEĠ huwa l-obbligu impost fuq l-awtoritajiet tal-portijiet Taljani mil-Liġi Nru 84/1994 sabiex jiġġestixxu l-baċiri mbattlin mill-ilma f'isem l-Istat Taljan u, b'mod partikolari, id-dmir li jwettqu u jieħdu ħsieb il-manutenzjoni speċifika ta' dawn l-assi li huma proprjetà tal-Istat, skont l-interess pubbliku.

(64) Il-finanzi pubbliċi mogħtija mill-Istat sabiex jippermettu t-tiswija tal-baċiri mbattlin mill-ilma numri 1, 2 u 3 ma taw ebda vantaġġ lil PAN, minħabba li dan sempliċiment ikkostitwixxa trasferiment ta' riżorsi fi ħdan id-dominju pubbliku għat-twettiq ta' funzjonijiet speċifiċi mogħtija mill-Istat lill-awtoritajiet tal-port, jew b'mod alternattiv, il-ħlas lura tal-kostijiet imġarrba minn PAN sabiex tissodisfa l-obbligi imposti mil-Liġi Nru 84/1994 fuq l-awtoritajiet tal-portijiet Taljani kollha.

(65) Fir-rigward tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, l-awtoritajiet Taljani spjegaw li l-finanzjament pubbliku ma jaqbiżx dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jitħallsu lura l-kostijiet imġarrba minn PAN. Il-kuntratti għax-xogħlijiet ingħataw fuq il-bażi ta' proċess ta' offerta pubblika (li rriżulta fi tnaqqis fil-kostijiet meta mqabbel ma' dak li kien stmat inizjalment). Barra minn hekk, CAMED għamlet investimenti sinifikanti komplementarji għal dawk magħmula minn PAN fl-ammont ta' aktar minn EUR 40 miljun.

(66) Fir-rigward tal-kompitu istituzzjonali tal-ġestjoni tal-portijiet f'isem l-Istat, l-Italja ddikjarat ukoll li, skont l-Artikoli 28 u 29 tal-Kodiċi dwar in-Navigazzjoni u skont l-Artikoli 822 u 823 tal-Kodiċi Ċivili, dan il-kompitu ma jistax jingħata lil entitajiet oħrajn għajr l-awtoritajiet tal-port u ferm inqas permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti. B'kuntrast, il-konċessjoni tal-assi tal-Istat inkwistjoni ngħatat lil CAMED skont il-liġi nazzjonali ([28]) u b'mod kompetittiv u mhux diskriminatorju u skont il-prinċipji tal-Unjoni.

(67) L-Italja ssostni wkoll li l-miżuri la fixklu l-kompetizzjoni u lanqas affettwaw il-kummerċ fost l-Istati Membri. Is-settur tal-portijiet fl-Italja mhuwiex liberalizzat, għalhekk, l-awtoritajiet portwarji Taljani ma joperawx f'settur miftuħ għall-kompetizzjoni. Skont l-awtoritajiet Taljani, il-Kummissjoni għamlet żball fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ meta kklassifikat l-attività bħala "kiri" minflok bħala "għoti ta' konċessjoni fuq assi tal-Istat". B'kuntrast ma' kerrej li jikri assi, konċessjonarju għandu jirrispetta l-interess pubbliku u jgħaddi minn kontrolli mwettqa mill-awtorità tal-port f'konformità mal-liġi pubblika.

(68) Barra minn hekk, l-Italja ssostni li l-Kummissjoni kienet negliġenti meta naqset li tqis id-differenzi bejn l-Istati Membri fil-mod kif jiġġestixxu l-portijiet. Fin-nuqqas ta' approċċ uniformi fil-livell tal-Unjoni, l-Italja għażlet li żżomm il-ġestjoni tas-settur tal-portijiet fi ħdan il-mandat pubbliku. Għalhekk, billi s-settur tal-portijiet fl-Italja mhuwiex liberalizzat, u billi l-awtoritajiet tal-port ma joperawx f'settur miftuħ għall-kompetizzjoni, skont l-Italja, il-miżuri la fixklu l-kompetizzjoni u lanqas affettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri skont is-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(69) L-awtoritajiet Taljani jemmnu li l-klassifikazzjoni tal-miżuri bħala għajnuna mill-Istat tkun ksur tal-Artikolu 345 tat-TFUE, li jistabbilixxi l-prinċipju tan-newtralità bejn l-entitajiet pubbliċi u privati. Proprjetarju privat jista' jinvesti kemm jixtieq fl-assi tiegħu, filwaqt li l-investimenti mill-Istat fl-infrastruttura tiegħu stess dejjem ikunu għajnuna mill-Istat. L-awtoritajiet Taljani ma jaqblux mal-kunsiderazzjoni preliminari mill-Kummissjoni li l-proprjetarji privati normalment jagħmlu biss investimenti li jħallu l-qligħ (eżempju ta' dan jista' jkun l-investimenti għall-finijiet ta' titjib tal-immaġini).

(70) L-Italja tiddikjara wkoll li, skont l-Artikolu 345 tat-TFUE, id-dritt tal-Unjoni ma jista' jimponi ebda privatizzazzjoni fuq l-Istati Membri, u lanqas jirrikjedi li jinbiegħu assi li l-Istat Membru jkun iddeċieda li jżomm fis-sjieda pubblika, speċjalment fin-nuqqas ta' miżuri komuni li jilliberalizzaw is-settur. Kwalunkwe interpretazzjoni differenti tikser il-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali, li jagħmilha illegali li l-fatti li jkunu notevolment differenti jiġu ttrattati bl-istess mod.

(71) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tistax twaqqaf lill-Istati Membri milli jwettqu l-manutenzjoni ta' tali assi. Id-dritt li wieħed jippreserva l-assi tiegħu stess fi stat operattiv u li jiżgura li dawn jaħdmu b'mod effiċjenti huwa fil-qalba tad-dritt tas-sjieda, li issa huwa protett ukoll mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, sors primarju tal-liġi li huwa vinkolanti wkoll fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

([28]) Il-konċessjoni ngħatat skont l-Artikolu 36 tal-Kodiċi Navali (*Codice navale*) u l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar il-Kodiċi Navali (*Regolamento per l' esecuzione del codice della navigazione marittima*).

(72) Fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-miżuri bħala għajnuna eżistenti, l-Italja tirrimarka li l-Kummissjoni – fil-konklużjonijiet preliminari mibgħuta lill-ilmentatur fl-2013 – iddikjarat li l-baċiri mbattlin mill-ilma kkonċernati huma parti mill-proprjetà marittima tal-Istat. L-awtoritajiet Taljani jirrimarkaw li sakemm ingħatat is-sentenza ta' *Leipzig Halle*, il-Kummissjoni nnifisha qieset l-investiment fl-infrastruttura, inkluż f'żoni ta' portijiet, bħala attività li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-TFUE. Fil-perjodu li fih ġew deċiżi x-xogħlijiet fuq il-baċiri numri 1, 2 u 3 fil-Port ta' Napli (jiġifieri qabel l-2001), l-appoġġ pubbliku għall-infrastruttura normalment ma kienx jikkostitwixxi għajnuna, iżda pjuttost miżuri ġenerali derivati mis-sovranità tal-Istat fir-rigward tal-politika ekonomika, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-art.

(73) L-awtoritajiet Taljani jirreferu wkoll għall-Avviż dwar il-kunċett ta' għajnuna ([29]), li jiddikjara li minħabba l-inċertezza li kienet teżisti qabel ingħatat is-sentenza ta' *Aéroports de Paris*, l-awtoritajiet pubbliċi setgħu leġittimament iqisu li l-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura mogħti qabel dik is-sentenza ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u li, għaldaqstant, dawn il-miżuri ma kellhomx bżonn jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni. Għalhekk, l-Italja hija tal-fehma li dawk il-miżuri ma jistgħux jitqiegħdu fid-dubju abbażi tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fid-dawl tal-prinċipji ta' ċertezza legali u aspettattivi leġittimi ([30]).

(74) Fir-rigward tal-konklużjoni preliminari tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ li l-appoġġ mill-Istat għall-faċilitajiet għall-bini u t-tiswija tal-bastimenti dejjem tqies bħala għajnuna mill-Istat (anki qabel ingħatat is-sentenza ta' Leipzig Halle), l-awtoritajiet Taljani għamlu l-osservazzjonijiet li ġejjin. Skont l-Italja, il-Kummissjoni tirreferi b'mod żbaljat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 94/374/KE ([31]). L-Italja tiddikjara li, skont dik id-Deċiżjoni, diversi miżuri ta' appoġġ pubbliku maħsuba sabiex jassistu lill-"faċilitajiet għat-tiswija tal-bastimenti f'baċir imbattal mill-ilma" jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-TFUE. B'hekk, id-Deċiżjoni kienet relatata mal-"faċilitajiet", jiġifieri s-superstrutturi tal-port (strutturi mobbli, krejnijiet, eċċ.) li huma proprjetà ta' konċessjonarji individwali, u mhux mal-infrastruttura portwarja tal-Istat. Id-Deċiżjoni tiddikjara espressament li (i) il-finanzjament pubbliku lill-entità li tiġġestixxi port Taljan "huwa relatat mal-ġestjoni ta' infrastrutturi reġjonali u, għalhekk, ma jikkostitwixxi ebda għajnuna mill-Istat" u (ii) il-miżuri għall-"finanzjament tal-infrastrutturi li għandhom jitwaqqfu minn korp pubbliku … ma jistgħux jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat skont is-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE", li tikkonferma li, sakemm ingħatat is-sentenza ta' Leipzig Halle, il-Kummissjoni nnifisha kkunsidrat l-investiment fl-infrastruttura, inkluż fiż-żoni tal-portijiet, bħala attività li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-TFUE.

(75) L-Italja ttenni l-argument li l-awtoritajiet tal-portijiet Taljani ma joperawx f'suq li huwa miftuħ għall-kompetizzjoni. Skont ġurisprudenza stabbilita sewwa, l-għajnuna implimentata fi swieq mhux liberalizzati tikkostitwixxi l-għajnuna eżistenti li tista' titqies biss bħala inkompatibbli *ex nunc* u, bħala tali, mhuwiex meħtieġ li din titħallas lura.

3.1.2. *Dwar il-preżenza tal-għajnuna lil CAMED*

(76) Fir-rigward tal-allegata għajnuna lil CAMED, l-awtoritajiet Taljani spjegaw li skont il-liġi Taljana, ix-xogħlijiet straordinarji għar-rinnovazzjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma jaqgħu fil-qasam ta' responsabbiltà tal-proprjetarju (jiġifieri l-Istat) u mhux tal-operatur tal-infrastruttura. B'mod simili għal kuntratt ta' kiri, ix-xogħlijiet ordinarji jaqgħu fil-qasam ta' responsabbiltà tal-operatur, filwaqt li l-proprjetarju għandu jiżgura li l-infrastruttura tibqa' adegwata għall-użu li huwa permess għall-operatur taħt il-kuntratt ta' konċessjoni għat-tul kollu tiegħu. Fi tmiem il-perjodu ta' konċessjoni, l-infrastruttura tibqa' proprjetà tal-Istat. Skont l-awtoritajiet Taljani, dan huwa l-każ mhux biss għall-Konċessjoni tal-2004 mogħtija lil CAMED, iżda għall-konċessjonijiet kollha għall-użu u l-operat tal-proprjetajiet tal-Istat ([32]).

(77) Għalhekk, l-Italja ssostni li l-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni trasversali u ġenerali, minħabba li skont il-mudell pubbliku li abbażi tiegħu l-leġiżlatura Taljana organizzat is-settur tal-portijiet, kull awtorità portwarja Taljana (mhux biss il-PAN) dejjem irċeviet u qed tkompli tirċievi fondi pubbliċi maħsuba sabiex jiffinanzjaw xogħol infrastrutturali fuq assi tal-Istat. Minn dan isegwi li l-impriżi kollha (mhux biss CAMED) li joperaw fiż-żona tal-port fil-portijiet Taljani kollha (mhux biss f'Napli) u fis-setturi ekonomiċi kollha (mhux biss fis-settur tal-bini tal-bastimenti) "ibbenefikaw" minn "għajnuna" li hija identika għal dik li allegatament gawdiet minnha

([29]) Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1).

([30]) L-Italja tinnota li s-sentenza ta' *Aéroports de Paris* iddeskriviet il-ġestjoni tal-ajruporti u mhux il-kostruzzjoni tal-infrastruttura bħala attività ekonomika. B'hekk, jeħtieġ li għall-inqas issir referenza għas-sentenza ta' *Leipzig Halle*. L-awtoritajiet Taljani jkomplu jargumentaw kontra t-traspożizzjoni ta' din is-sentenza għas-settur tal-portijiet, minħabba li hemm riskju kbir ħafna li l-applikazzjoni tagħha tfassal il-politika ekonomika u industrijali shiha tal-Istati Membri fis-settur tal-portijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, b'effett fuq l-isferi relattivi ta' responsabbiltà tal-Unjoni u tal-Istati Membri b'mod detrimentali għall-Istati Membri.

([31]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/374/KE tat-2 ta' Frar 1994 dwar il-Liġi Reġjonali ta' Sqallija Nru 23/1991 dwar assistenza straordinarja għall-industrija u l-Artikolu 5 tal-Liġi Reġjonali ta' Sqallija Nru 8/1991 dwar, b'mod partikolari, il-finanzjament għal Sitas (ĠU L 170, 5.7.1994, p. 36).

([32]) L-awtoritajiet Taljani pprovdew ukoll eżempji ta' sitwazzjonijiet simili fejn konċessjonarji oħrajn attivi fil-Port ta' Napli ffirmaw ftehimiet simili li permezz tagħhom ix-xogħlijiet imwettqa fuq diversi elementi ta' infrastruttura ġew iffinanzjati mill-Awtorità tal-Port. Speċifikament, l-awtoritajiet Taljani jirreferu għal kuntratt ta' konċessjoni ffirmat mill-Awtorità tal-Port mal-ilmentatur f'dan il-każ għat-twettiq ta' attivitajiet ta' bini tal-bastimenti fil-Port ta' Napli, fejn ix-xogħol ta' manutenzjoni (ta' rutina) huwa r-responsabbiltà tal-konċessjonarju, filwaqt li l-Awtorità tal-Port qablet li tiffinanzja l-kostruzzjoni ta' baċir ġdid (xogħol speċifiku).

CAMED. L-awtoritajiet Taljani jsostnu li l-operaturi ekonomiċi kollha li kisbu konċessjoni fuq proprjetà tal-Istat: (i) ipparteċipaw fi proċess miftuħ u kompetittiv, (ii) setgħu jużaw iż-żoni, l-assi u l-infrastruttura mibnija u msewwija bl-użu ta' fondi pubbliċi u (iii) ħallsu miżata għall-użu tal-art skont il-liġi nazzjonali. Għaldaqstant, CAMED ma kisbet l-ebda vantaġġ selettiv meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li jinsabu f'sitwazzjonijiet legali u fattwali komparabbli, bħal kumpaniji oħrajn li jibnu l-bastimenti, operaturi tat-terminal, kumpaniji tat-trasport marittimu, eċċ. ([33]). Barra minn hekk, CAMED hija meħtieġa mir-Regolament tal-2002 li tagħti aċċess għall-infrastruttura tal-Istat lil operaturi oħrajn taħt kundizzjonijiet ugwali u fuq il-bażi ta' kriterji ta' prijorità trasparenti u mhux diskriminatorji, skont it-tariffi ppubblikati, li fil-fehma tal-awtoritajiet Taljani, ikompli jtenni n-nuqqas ta' selettività tal-miżuri.

(78) Il-miżata għall-użu tal-art imħallsa minn CAMED għall-użu tal-proprjetà tal-Istat hija stabbilita skont il-liġi nazzjonali u, b'mod partikolari, skont id-Digriet Ministerjali Nru 595/1995. PAN ma kellhiex il-possibbiltà li titlob lil CAMED tħallas miżati aktar baxxi, anki minħabba li din mhijiex miżata kummerċjali nnegozjata bejn il-partijiet skont il-miżati tas-suq. Il-miżati għall-użu tal-art jiġu ddeterminati b'mod oġġettiv u huma identiċi għall-konċessjonijiet kollha tal-proprjetà fis-settur marittimu għal attivitajiet ta' dan it-tip, b'hekk, b'mod mhux selettiv. Għalhekk, il-miżura ma naqqsitx il-kostijiet li għandhom jitħallsu minn PAN u lanqas ma ppermettitilha li titlob miżati aktar baxxi lil CAMED.

(79) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani huma tal-fehma li mhuwiex meħtieġ, matul il-perjodu ta' konċessjoni, li l-konċessjonarju ta' assi tal-Istat jinvesti ammont li, meta jkun ikkombinat mal-miżata mħallsa, ikun daqs l-ammont ta' kwalunkwe manutenzjoni speċifika mwettqa mill-Istat bħala l-uniku proprjetarju tal-assi. Il-konċessjonarju – għall-użu temporanju tal-assi – ma għandux dmir li jġorr l-istess pożijiet finanzjarji li jkollu jġorr proprjetarju sabiex iżomm dawn l-assi f'kundizzjoni operattiva, sabiex b'hekk iżid il-valur tagħhom.

(80) L-awtoritajiet Taljani jiddikjaraw ukoll li d-Deċiżjoni tal-Ftuħ ma tqisx il-fatt li, għalkemm ma kienx meħtieġ, CAMED wettqet pjan konsiderevoli ta' investimenti komplementarji għal dawk imwettqa minn PAN, li jaqbżu l-EUR 40 miljun.

(81) L-awtoritajiet Taljani huma tal-fehma li bil-proġett ta' investiment CAMED ma kisbet ebda vantaġġ, minħabba li l-Konċessjoni tal-2004 ingħatat lil CAMED permezz ta' proċedura miftuħa u pubblika (ara l-premessa 15) u CAMED għandha d-dritt li topera infrastruttura li trid tkun adegwata għall-użu miftiehem. Barra minn hekk, fil-fehma tal-awtoritajiet Taljani, id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([34]) dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ma tapplikax għal offerti li jirrigwardjaw konċessjonijiet ta' żoni ta' portijiet. Għalhekk, PAN ma kinitx meħtieġa li toħroġ sejħa għall-offerti għall-għoti ta' konċessjoni relattiva għal dawk il-baċiri mbattlin mill-ilma u, b'mod partikolari, fir-rigward ta' konċessjoni mogħtija aktar minn 10 snin qabel daħlet fis-seħħ dik id-Direttiva.

(82) L-Italja ssostni wkoll li l-miżuri la jfixklu l-kompetizzjoni u lanqas jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri, minħabba li ma jsaħħux il-pożizzjoni ta' impriża waħda kontra oħrajn attivi fl-istess settur. Taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-2002, kwalunkwe impriża tista' titlob li tuża l-baċiri, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment tagħha. Għalhekk, skont l-awtoritajiet Taljani, il-miżuri ma għandhom ebda effett fuq l-investiment transkonfinali u/jew il-kundizzjonijiet tal-istabbiliment.

(83) Skont l-Italja, il-Kummissjoni ma tistax tikkontesta miżura pubblika ġenerali li hija applikabbli fit-territorju nazzjonali kollu u għall-impriżi kollha li joperaw hemmhekk, billi ssostni li l-miżura tagħti vantaġġ lil dawk l-operaturi meta mqabbla mal-kundizzjonijiet li jitgawdew mill-impriżi stabbiliti u li joperaw fi Stati Membri oħrajn. Fil-fatt, l-għoti jew le ta' vantaġġ selettiv għandu jiġi ddeterminat biss fuq bażi nazzjonali, minħabba li, fin-nuqqas ta' regoli komuni madwar l-Unjoni kollha, paragun mal-kundizzjonijiet offruti lill-impriżi fi Stati Membri differenti effettivament iqabbel is-sitwazzjonijiet legali u fattwali differenti li jinħolqu minn disparitajiet leġiżlattivi u regolatorji bejn l-Istati Membri u, b'hekk, ifixklu l-għan u l-funzjonament tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

(84) L-awtoritajiet Taljani jtennu l-argumenti li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-miżuri bħala għajnuna eżistenti (ara l-premessa 75).

([33]) L-awtoritajiet Taljani spjegaw li, speċjalment fil-livell lokali fl-applikazzjoni tal-Liġi Nru 413/1998, l-Awtorità tal-Port ta' Napli wettqet għadd ta' miżuri, billi użat fondi pubbliċi sabiex tirrinova u timmodernizza numru kbir ta' assi u biċċiet ta' infrastruttura tal-Istat, użati minn impriżi li joperaw fis-setturi ekonomiċi kollha u mhux biss minn ditti tal-bini tal-bastimenti, filwaqt li pprovdew eżempji speċifiċi.

([34]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

3.1.3. *Dwar il-kompatibbiltà tal-allegata għajnuna lil PAN u CAMED*

(85) L-Italja ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-għoti seħħ meta kull wieħed mill-investimenti kien inkluż fil-programm ta' investimenti abbażi tat-talbiet tal-Awtoritajiet tal-Port. L-Italja ttenni li d-data tal-għoti ta' skema ta' għajnuna mill-Istat trid tiġi identifikata bħala ż-żmien li fih daħlet fis-seħħ il-bażi ġuridika li ħolqot dritt għall-allegata benefiċjarja li tikseb il-miżuri ta' appoġġ, u mhux id-data tal-adozzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni sussegwenti u potenzjalment numerużi. L-Italja tinnota li l-miżuri ta' implimentazzjoni kollha identifikati mill-Kummissjoni jagħmlu referenza espressa għall-atti ta' finanzjament mill-ġdid skont il-Liġi Nru 413/1998, li hija għalhekk il-bażi ġuridika ġenwina għall-azzjoni, kif ukoll għad-diversi deċiżjonijiet meħuda minn PAN fl-2001 u l-konċessjoni mogħtija lil CAMED fl-2004.

(86) Skont l-Italja, il-miżuri ma għandhomx jiġu vvalutati abbażi tal-Oqfsa tal-Bini tal-Bastimenti (ara l-premessa 48), minħabba li l-miżuri jikkonċernaw biss il-manutenzjoni speċifika tal-infrastruttura portwarja tal-Istat. Fil-fehma tal-awtoritajiet Taljani, l-allegata għajnuna mhijiex maħsuba sabiex tippromwovi żieda fil-produttività tal-installazzjonijiet eżistenti f'tarzna, jiġifieri tas-superstruttura tal-port (strutturi mobbli, krejnijiet, eċċ.), iżda sabiex titwettaq manutenzjoni speċifika f'ċerti elementi tal-infrastruttura portwarja li huma l-proprjetà unika tal-Istat. Dan isir bil-għan li dawn ma jibqgħux jintużaw, b'mod partikolari f'termini ta' sikurezza, u minħabba l-fatt li l-utenti kollha tal-port jistgħu jiksbu aċċess għalihom fuq l-istess livell u taħt kundizzjonijiet mhux diskriminatorji. B'hekk, il-kompatibbiltà tal-miżuri inkwistjoni ma tistax tiġi vvalutata abbażi ta' regoli settorjali rigward l-għajnuna għall-bini tal-bastimenti.

(87) Skont l-Italja, il-miżuri huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2)(b) u l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, minħabba li jimmiraw li jirrestawraw il-proprjetà tal-Istat wara t-Tieni Gwerra Dinjija u t-terremot tal-1980 li affettwa l-belt ta' Napli. L-allegati miżuri ta' għajnuna huma proporzjonati minħabba li l-finanzjament pubbliku huwa limitat għal dak li kien strettament meħtieġ u x-xogħlijiet għall-manutenzjoni speċifika ngħataw permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva li għamlitha possibbli li jitnaqqsu l-kostijiet meta mqabbla mal-estimi oriġinali. L-awtoritajiet Taljani jinnotaw ukoll li CAMED wettqet investimenti sinifikanti, billi naqqset l-intensità tal-kontribuzzjoni pubblika għal madwar 40 % tal-kostijiet totali tal-investiment. Il-miżuri huma aktar proporzjonati minħabba li – abbażi tal-liġi applikabbli għal konċessjonijiet pubbliċi – ix-xogħlijiet imwettqa mill-konċessjonarju jibqgħu fis-sjieda tal-Istat fl-aħħar tal-konċessjoni u CAMED ma tkun intitolata għal ebda kumpens jew ħlas lura. L-Italja ttenni li l-allegati miżuri ta' għajnuna huma ta' benefiċċju għall-ekonomija ta' reġjun żvantaġġat li huwa reġjun megħjun skont l-Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE.

(88) F'Novembru 2017, l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw aktar informazzjoni, li fiha huma tennew il-fehma tagħhom li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli għall-bini tal-bastimenti ma jikkostitwixxux il-bażi ġuridika korretta sabiex tiġi vvalutata l-kompatibbiltà tal-għajnuna. Madankollu, l-awtoritajiet Taljani pprovdew il-kummenti li ġejjin.

(89) Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mogħtija lil PAN, l-Italja kkonfermat li PAN ma ppreżentat ebda applikazzjoni għall-għajnuna (billi invokat ir-regoli rilevanti dwar il-bini tal-bastimenti) qabel il-bidu tax-xogħlijiet fuq kull wieħed mill-investimenti. L-awtoritajiet Taljani kkonfermaw il-pożizzjoni tagħhom li l-fondi ntużaw għall-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-port eżistenti u li dawn ma jikkostitwixxu ebda għajnuna għall-faċilitajiet tal-bini tal-bastimenti.

(90) Fl-aħħar nett, l-Italja ssostni li l-ammonti li qed jiġu vvalutati ma setgħux jiġu rkuprati, hekk kif l-istatut tal-limitazzjonijiet stabbilit mill-Artikolu 17 tar-Regolament Proċedurali skada.

4. **KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI**

4.1. **Kummenti minn CAMED**

(91) CAMED issostni li l-legalità tal-miżuri inkwistjoni diġà ġiet eżaminata u kienet aċċertata fl-2006, meta l-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-awtoritajiet Taljani u sussegwentement itterminat il-proċedura. B'hekk, id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tikkostitwixxi revoka illegali ta' dik id-deċiżjoni ta' terminazzjoni, magħmula aktar minn 10 snin wara l-ewwel miżura, li tikser il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta' amministrazzjoni tajba, ċertezza legali u protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

(92) Barra minn hekk, CAMED tqis li l-miżuri inkwistjoni ma jikkostitwixxu ebda għajnuna mill-Istat la għal PAN u lanqas għaliha nnifisha, minħabba li jikkonċernaw il-ġestjoni u l-amministrazzjoni ordinarji ta' kategorija ta' assi partikolari minflok attività ekonomika speċifika, jiġifieri, proprjetà pubblika li tappartjeni lill-Istat. L-ebda waħda mill-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE ma ġiet issodisfata.

(93) CAMED ittenni l-argumenti tal-Italja li l-awtoritajiet tal-port huma entitajiet pubbliċi mhux ekonomiċi pprojbiti skont il-Liġi Nru 84/1994 milli jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe attività ekonomika jew milli jipprovdu servizzi portwarji. Skont CAMED, l-awtoritajiet tal-portijiet Taljani lanqas ma huma liberi li jiddeterminaw l-ammont ta' miżati tal-Istat miġbura mingħand il-konċessjonarji f'isem l-Istat, minħabba li dawn ġew stabbiliti fid-Digriet Ministerjali Nru 595/1995.

(94) Skont CAMED, ix-xogħol ma jagħti ebda vantaġġ ekonomiku lil PAN jew lilha nnifisha. Il-manutenzjoni rimedjali tal-assi pubbliċi inkwistjoni bil-liġi taqa' esklussivament għand l-Istat bħala l-proprjetarju tagħhom u, barra minn hekk, hija meħtieġa u strumentali għall-provvediment ta' OSP. Bħala tali, il-miżuri ma jeħilsux lil CAMED minn kwalunkwe piż finanzjarju u ma jagħtuha ebda vantaġġ.

(95) CAMED tirrimarka wkoll li meta l-miżuri pubbliċi kienu ppjanati u approvati, hija ma kinitx il-konċessjonarja tal-art pubblika kkonċernata, minħabba li kienet għadha trid isseħħ il-proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva. Għalhekk, PAN impenjat ruħha li tidħol għall-investiment, irrispettivament mill-identità tal-konċessjonarja futura. Kwalunkwe impriża setgħet ippreżentat offerta kompetittiva għall-konċessjoni u setgħet kisbet l-assi taħt konċessjoni. B'hekk, il-proċedura tgħaddi mit-test tal-operatur fl-ekonomija tas-suq u ma tagħti ebda vantaġġ lill-offerent rebbieħ.

(96) CAMED tiddikjara wkoll li l-miżuri kkonċernati mhumiex selettivi minħabba li dan huwa metodu standard ta' intervent mill-Istat li, b'mod ġenerali (u mhux biss għall-portijiet jew għall-industrija tal-bini tal-bastimenti), ifittex li jżomm kwantità kbira u varjetà ta' assi pubbliċi u infrastruttura f'kundizzjoni operattiva bla periklu. Dan japplika b'mod partikolari għal dawk l-assi li l-Istat iddeċieda li għandhom ikunu ta' proprjetà pubblika - deċiżjoni eżentata mir-rieżami mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 345 tat-TFUE. F'dan il-każ, ix-xogħol kien ippjanat u awtorizzat ukoll bħala parti minn programm ta' finanzjament imniedi fl-1998 mil-liġi nazzjonali għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura għall-espansjoni, il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp mill-ġdid tal-portijiet Taljani kollha.

(97) Skont CAMED, dan juri wkoll in-natura mhux selettiva tal-miżuri, kemm fir-rigward ta' (i) il-pożizzjoni ta' PAN relattiva għall-awtoritajiet tal-port l-oħrajn kollha, li rċevew l-istess finanzjament pubbliku sabiex iwettqu xogħol fuq assi u infrastruttura ta' proprjetà pubblika fil-portijiet fil-ġuriżdizzjoni territorjali tagħhom; u (ii) il-pożizzjoni ta' CAMED relattiva għal kumpaniji oħrajn li joperaw fl-industrija tal-bini tal-bastimenti u fi bnadi oħrajn, kemm jekk fil-Port ta' Napli kif ukoll jekk f'xi port Taljan ieħor.

(98) Barra minn hekk, fil-fehma ta' CAMED, skont ir-regoli li jirregolaw l-użu tal-infrastruttura pubblika li fuqha twettaq ix-xogħol ta' manutenzjoni, kwalunkwe impriża hija intitolata li jkollha aċċess fuq talba għall-baċiri operati minnha taħt il-konċessjoni, abbażi ta' kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji u bi ħlas għall-pagament tat-tariffi pubbliċi. L-aċċess għall-infrastruttura huwa fuq livell ekwu ma' utenti potenzjali oħrajn, mhux biss għal kumpaniji oħrajn li jagħmlu tiswijiet tal-bastimenti, iżda għal kwalunkwe parti interessata li tuża l-infrastruttura, pereżempju, kumpaniji tat-trasport marittimu, operaturi ta' servizzi portwarji, aġenti tat-trasport marittimu u kumpaniji tal-immaniġġjar tal-bastimenti. CAMED tqis li dan iservi bħala konferma ulterjuri tan-natura mhux selettiva tal-miżuri għar-rinnovazzjoni tal-baċiri, li ma jiffavorixxux lil 'ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti'.

(99) CAMED ittenni wkoll l-argumenti tal-Italja dwar in-nuqqas ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni jew l-effett fuq il-kummerċ fost l-Istati Membri.

(100) CAMED temmen li, fi kwalunkwe każ, il-miżuri jkunu kompatibbli mas-suq intern kemm skont l-Artikolu 107(2) tat-TFUE, minħabba li huwa mmirat sabiex jirkupra *"l-ħsara kkawżata minn diżastru naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali"*, f'dan il-każ l-ibbumbardjar u t-terremot tal-1980; kif ukoll skont l-Artikolu 107(3) tat-TFUE, minħabba li l-miżuri għandhom għan ta' interess komuni. Barra minn hekk, il-miżuri huma proporzjonati minħabba l-investimenti mwettqa minn CAMED innifisha (fl-ammont ta' EUR 42 541 495) li naqqsu l-intensità tal-intervent mill-Istat għal madwar 40 % tal-kostijiet totali. Skont l-informazzjoni pprovduta, CAMED investiet EUR 11,1 miljun fil-baċiri, u l-ammonti li fadal f'oġġetti oħrajn relatati ma', pereżempju, il-merkanzija/l-art koperta mill-miżata tal-konċessjoni, il-magażinaġġ u l-bini, il-kostijiet tat-trasport, l-IT u t-tagħmir tal-uffiċċju.

(101) Fl-aħħar nett, CAMED tiddikjara li jekk il-miżuri jitqiesu bħala għajnuna, l-għajnuna tikkostitwixxi l-għajnuna eżistenti, minħabba li l-istatut tal-limitazzjonijiet tal-Artikolu 17 tar-Regolament Proċedurali skada.

4.2. **Kummenti mill-Ilmentatur**

(102) L-ilmentatur jaqbel mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li PAN għandha titqies bħala impriża involuta f'attivitajiet ekonomiċi. L-ilmentatur jikkunsidra li sa issa għandu jkun fatt mhux ikkontestat li l-portijiet nazzjonali jwettqu attivitajiet ekonomiċi, f'kompetizzjoni ma' xulxin u ma' portijiet Ewropej u Mediterranji

oħrajn, meta wieħed iqis il-kjarifiki mressqa mill-Kummissjoni fil-prattika tal-każistika tagħha. Pereżempju, fid-deċiżjoni tagħha li tmur lura għall-2012 ([35]), il-Kummissjoni qieset li l-Awtorità tal-Port ta' Augusta kienet impriża li twettaq l-attività ekonomika tagħha li tikkonsisti fl-esplojtazzjoni tal-infrastruttura tal-port li hija proprjetà tal-Istat permezz tal-lokazzjoni ta' din l-infrastruttura lill-operaturi portwarji, bi skambju għal miżata ta' konċessjoni. Dan huwa preċedent għal PAN minħabba li l-Awtorità tal-Port ta' Augusta topera abbażi tal-istess regoli nazzjonali ([36]).

(103) Fir-rigward tal-miżata ta' konċessjoni, l-ilmentatur jemmen li din ġiet stabbilita skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, ([37]) li tqieset b'mod żbaljat bħala applikabbli ladarba l-konċessjoni ma tikkonċernax esklussivament l-użu tal-baċiri għall-finijiet tal-bini tal-bastimenti, iżda wkoll il-ġestjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma minn CAMED. Bħala tali, l-ilmentatur jallega li billi tat l-għotja diretta tal-konċessjoni lil CAMED mingħajr ma organizzat offerta, PAN irrinunzjat għad-dritt tagħha li tirċievi miżata għall-ġestjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma, minħabba li PAN tipperċepixxi biss miżata għall-konċessjoni tal-art. L-ilmentatur jispeċifika wkoll li l-Artikolu 6 tal-kuntratt ta' konċessjoni jistabbilixxi espressament li CAMED għandha tħallas il-miżata lil PAN "bħala korrispettiv għal din il-konċessjoni" u mhux permezz ta' tassazzjoni.

(104) L-ilmentatur jaqbel mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni rigward in-natura pubblika tar-riżorsi u s-selettività tal-miżuri li minnhom tibbenifika PAN. L-ilmentatur jallega wkoll speċifikament li l-miżuri ma jistgħux jirrappreżentaw sempliċi trasferiment tar-riżorsi fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Tabilħaqq, skont il-Liġi Nru 84/1994, għalkemm l-awtoritajiet tal-port huma entitajiet pubbliċi mhux ekonomiċi li għandhom personalità legali skont il-liġi pubblika, huma għandhom awtonomija monetarja u amministrattiva kbira u l-iskrutinju ministerjali ma japplikax għall-għoti ta' konċessjonijiet li jirrigwardjaw, *inter alia*, il-ġestjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma.

(105) L-ilmentatur jaqbel mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li l-miżuri ma jissodisfawx l-erba' kundizzjonijiet tal-każ ta' *Altmark* u, għalhekk, li l-amministrazzjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma mwettqa minn PAN ma tirrappreżentax servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u tat vantaġġ ekonomiku lil PAN.

(106) L-ilmentatur jaqbel mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li l-miżuri jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni bejn il-portijiet Ewropej u jaffettwaw il-kummerċ fost l-Istati Membri. B'mod partikolari, l-ilmentatur itenni li l-portijiet Taljani jikkompetu ma' diversi portijiet Ewropej f'suq kompetittiv u, konsegwentement, li l-argument tal-awtoritajiet Taljani li d-domanda għall-infrastruttura tat-tiswija tal-bastimenti hija fuq skala lokali għandu jiġi miċħud.

(107) L-ilmentatur jaqbel mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni rigward l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat għal CAMED minħabba li PAN setgħet irrinunzjat għar-riżorsi pubbliċi billi tassenja lil CAMED il-konċessjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma għal prezz li huwa taħt il-prezz tas-suq. L-ilmentatur jappoġġja wkoll il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li CAMED irċeviet vantaġġ ekonomiku kemm minħabba li l-konċessjoni ġiet assenjata mhux permezz ta' offerta xierqa, iżda permezz ta' proċedura differenti (li l-pubbliċità tagħha tqieset li kienet lokali biss), kif ukoll minħabba li l-miżata ta' konċessjoni kienet iddeterminata fuq bażi ta' parametru fiss (mingħajr kunsiderazzjoni għall-infrastruttura li biha hija mgħammra ż-żona) u mhux fuq bażi tal-prezz tas-suq. L-ilmentatur jispjega mill-ġdid li l-konċessjoni tinkludi mhux biss id-dritt għall-użu tal-infrastruttura tal-Istat għall-bini tal-bastimenti, iżda wkoll għall-ġestjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma. Tabilħaqq, il-mod kif tiġi ddeterminata l-miżata tal-konċessjoni jirrifletti ż-żewġ attivitajiet imwettqa minn CAMED u l-valur ekonomiku veru tal-konċessjoni.

(108) L-ilmentatur jallega wkoll li l-ġestjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma hija servizz ta' valur ekonomiku konsiderevoli li jista' jiġi stmat bħala li jirrappreżenta fatturat annwali għal CAMED ta' bejn EUR 6 miljun u EUR 9 miljun (kontra miżata annwali mħallsa minn CAMED li tammonta għal EUR 137 409,68) u, għalhekk, li l-valur fuq it-tul totali tal-konċessjoni għall-ġestjoni tal-baċiri pubbliċi huwa bejn EUR 180 miljun u EUR 270 miljun. B'mod partikolari, id-dħul mill-miżati riċevut minn CAMED huwa magħmul mill-miżati mħallsin għal: (i) l-użu tal-baċiri mbattlin mill-ilma u (ii) il-forniment minn CAMED ta' servizzi assoċjati oħrajn (pereżempju, attività meħtieġa għad-dħul, il-ħruġ u l-manutenzjoni ta' bastiment f'baċir jew il-provvista tal-elettriku). L-ilmentatur jenfasizza li CAMED tista' tistabbilixxi l-miżati liberament mingħajr ebda kontroll ta' PAN u li l-miżati mitluba minn CAMED huma eċċessivi u ferm ogħla mill-miżati mitluba minn maniġers ta' tip simili ta' infrastruttura li tinsab f'portijiet oħrajn (f'Novembru 2012, CAMED żiedet il-miżati b'aktar minn 300 %).

(109) L-ilmentatur jaqbel mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet kumulattivi tal-Kawża *Altmark* mhumiex issodisfati għal CAMED u konsegwentement li ma jistax jitqies li l-attivitajiet ta' CAMED jirrappreżentaw OSP. L-ilmentatur huwa tal-fehma li, jekk xejn, huwa biss l-operat tal-baċir imbattal mill-ilma Nru 3 li

([35]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2012, SA.34940 – il-Port ta' Augusta (ĠU C 77, 15.3.2013, p. 1).
([36]) Liġi Nru 84/1994, il-liġi qafas Taljana dwar il-portijiet.
([37]) Digriet tal-Ministru tat-Trasport u t-Trasport Marittimu Nru 595 tal-15 ta' Novembru 1995, f'konsultazzjoni mal-Ministru tat-Teżor għall-Finanzi, intitolat "Regolament li jistabbilixxi regoli għall-istabbiliment tal-miżati għal konċessjonijiet pubbliċi marittimi" fil-ĠURI 158 tat-8 ta' Lulju 1996.

jista' jikkostitwixxi servizz pubbliku, minħabba li jirrappreżenta l-akbar baċir fil-Port ta' Napli. Barra minn hekk, bħala stat ta' fatt, il-baċiri mbattlin mill-ilma ġestiti minn CAMED mhumiex verament miftuħa għal utenti terzi. CAMED hija utenta privileġġata li tipprevjeni lil operaturi oħrajn tal-port milli jkollhom aċċess ħieles. Barra minn hekk, il-miżati li tirrikjedi CAMED sabiex tagħti aċċess lil utenti terzi għall-infrastruttura huma allegatament 'il fuq mill-prezz tas-suq.

(110) Skont l-ilmentatur, il-miżuri jfixklu l-kompetizzjoni fuq żewġ livelli. L-ewwel nett, bħala maniġer tal-infrastruttura, CAMED irċeviet vantaġġ fuq il-kompetituri potenzjali tagħha billi (i) kienet ingħatat il-konċessjoni sabiex tiġġestixxi l-baċiri mbattlin mill-ilma mingħajr proċedura ta' sejħa għall-offerti u (ii) tħallas livell baxx mhux ġustifikat ta' miżati lil PAN, filwaqt li titlob miżati eċċessivi lil kumpaniji oħrajn li jagħmlu tiswijiet tal-bastimenti li jkunu jridu jużaw il-baċiri. It-tieni nett, bħala impriża li tagħmel tiswijiet tal-bastimenti, CAMED irċeviet vantaġġ bħala utent indebitament privileġġat tal-baċiri pubbliċi.

(111) Fir-rigward tal-effett fuq il-kummerċ, l-ilmentatur jenfasizza li d-domanda għall-infrastruttura tal-bini tal-bastimenti ġejja primarjament minn operaturi internazzjonali, li ta' spiss ikunu jappartjenu għal gruppi multinazzjonali kbar.

(112) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna mas-suq intern, l-ilmentatur jaqbel mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li l-baċiri mbattlin mill-ilma mhumiex infrastrutturi tat-trasport u, bħala tali, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE. Barra minn hekk, l-ilmentatur huwa tal-fehma li l-miżuri ma jissodisfawx il-kriterji tal-kompatibbiltà ta' (i) l-Artikolu 107(3)(a) jew (c) li jirrigwardja l-għajnuna reġjonali jew (ii) il-qafas tas-SIEĠ tal-2011 jew (iii) ir-regoli settorjali dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-bini tal-bastimenti.

(113) Fl-aħħar nett, l-ilmentatur jappoġġja l-fehma tal-Kummissjoni li l-miżuri ta' għajnuna ngħataw fiż-żmien meta x-xogħlijiet rilevanti ġew inklużi fil-programm ta' investiment imfassal abbażi tat-talbiet ta' PAN, u mhux fl-1998 (kif sostnut mill-awtoritajiet Taljani) permezz tal-Artikolu 9 tal-Liġi Nru 413/1998.

5. **VALUTAZZJONI**

(114) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, "*kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.*"

(115) Għalhekk, il-kwalifika ta' miżura bħala għajnuna skont is-sens ta' din id-dispożizzjoni tippresupponi li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: (i) il-miżura trid tkun imputabbli lill-Istat u ffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat; (ii) trid tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha; (iii) dak il-vantaġġ irid ikun selettiv; u (iv) il-miżura trid tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

5.1. **L-eżistenza ta' għajnuna lill-Awtorità tal-Port ta' Napli**

5.1.1. *Il-kunċett ta' impriża*

(116) Skont il-liġi Taljana, l-awtoritajiet tal-port huma entitajiet pubbliċi mhux ekonomiċi li jimmiraw li jiżguraw il-manutenzjoni u l-iżvilupp ġenerali tal-infrastruttura tal-port. Għal dak il-għan, ir-riżorsi finanzjarji għad-dispożizzjoni ta' awtorità tal-port jistgħu jintużaw esklussivament għall-ġestjoni tal-port u għat-twettiq tal-funzjonijiet attribwiti lilha bil-liġi (ara l-premessa 55).

(117) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ([38]) (il-"Qorti tal-Ġustizzja") konsistentement iddefinixxiet l-impriżi bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus ġuridiku tagħhom u l-mod kif inhuma ffinanzjati. Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement sostniet li kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti u servizzi f'suq partikolari hija attività ekonomika ([39]).

(118) Għalhekk, il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi kompletament fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha. Dan il-prinċipju ġenerali għandu tliet konsegwenzi importanti: (i) l-istatus tal-entità skont il-liġi nazzjonali mhuwiex deċiżiv, (ii) l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat bħala tali ma tiddependix fuq jekk l-entità twaqqfitx biex tiġġenera l-profitti, u (iii) il-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża hija dejjem relattiva għal attività speċifika.

([38]) Ara, pereżempju, is-sentenza fil-Kawża C-41/90 *Hofner et Elsner vs Macrotron* ECLI:EU:C:1991:161, para. 21; is-sentenza fil-Kawża C-160/91 *Poucet u Pistre vs AGF u Cancava* ECLI:EU:C:1993:63, para. 17; is-sentenza fil-Kawża C-35/96 *Il-Kummissjoni vs l-Italja* ECLI:EU:C:1998:303.

([39]) Ara s-sentenza fil-Kawża 118/85 *Il-Kummissjoni vs l-Italja* ECLI:EU:C:1987:283, para. 7; is-sentenza fil-Kawża C- 35/96 *Il-Kummissjoni vs l-Italja* ECLI:EU:C:1998:303, para. 36; is-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98 *Pavlov u Oħrajn* ECLI:EU:C:2000:428, para. 75.

(119) Il-miżuri inkwistjoni jikkonċernaw il-finanzjament għar-rinnovazzjoni strutturali tal-infrastruttura għat-tiswija tal-bastimenti (baċiri mbattlin mill-ilma) li tinsab f'port li huwa proprjetà tal-Istat Taljan, li jeżerċita d-drittijiet tal-proprjetà tiegħu permezz ta' PAN, li taġixxi bħala maniġer. Il-Kummissjoni ssib li l-baċiri mbattlin mill-ilma mhumiex infrastruttura tal-port iżda faċilitajiet ta' produzzjoni għat-tarzni li għandhom jintużaw għall-bini tal-bastimenti jew għal attivitajiet ta' tiswija tal-bastimenti. Il-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni ilha żmien twil tqis il-bini tal-bastimenti bħala attività ekonomika li tinvolvi kummerċ bejn l-Istati Membri ([40]).

(120) Il-baċiri mbattlin mill-ilma huma kummerċjalment sfruttati minn PAN, li titlob miżati fuq l-użu tal-art għall-użu tagħhom. F'dan ir-rigward, kuntrarju għal dak li jsostnu l-awtoritajiet Taljani (ara l-premessi 57 u 58), dawk il-miżati jirrappreżentaw kumpens għall-forniment ta' servizz ekonomiku (jiġifieri l-lokazzjoni tal-faċilitajiet tat-tiswija tal-bastimenti għal rimunerazzjoni). Il-miżati jikkostitwixxu wieħed mis-sorsi ta' introjtu għal PAN, li jippermettulha tiffinanzja l-attivitajiet tagħha, li jinkludu investimenti sabiex il-baċiri mbattlin mill-ilma jinżammu operattivi. Iż-żamma tal-baċiri mbattlin mill-ilma fi stat ta' tħaddim tajjeb sabiex jakkomodaw it-tiswija tal-bastimenti tippermetti lil PAN tevita tnaqqis fl-attivitajiet ta' ġestjoni tagħha fir-rigward tal-Port u tattira kumpaniji li jagħmlu tiswija tal-bastimenti. Fil-fatt, mingħajr ma jsiru tali xogħlijiet, il-baċiri mbattlin mill-ilma ma jkunux jistgħu jitħaddmu kif suppost u, fuq medda twila ta' żmien, PAN ma tkunx tista' tkompli bl-attività kummerċjali tagħha li tikrihom bi ħlas. F'dan ir-rigward, il-Konċessjoni tal-2004 tispeċifika fl-Art. 1 li "l-konċessjoni tingħata għall-finijiet tat-twettiq ta' attivitajiet ta' tiswija u konverżjoni ta' bastimenti u opri tal-baħar għar-rikreazzjoni, kif ukoll għall-ġestjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma …" ([41]), sabiex b'hekk tispeċifika minn qabel l-użu eżatt tal-art pubblika inkwistjoni.

(121) Għalkemm ma jistax jiġi eskluż li, minħabba l-funzjonijiet pubbliċi tagħha, PAN tista' twettaq ukoll attivitajiet fil-mandat pubbliku, id-deċiżjoni preżenti tikkonċerna biss il-ġestjoni tal-faċilitajiet tal-baċiri mbattlin mill-ilma megħjuna u l-kiri tagħhom għal rimunerazzjoni. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża hija dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll dawk mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża fir-rigward ta' dawk ekonomiċi biss. Għalhekk, il-Kummissjoni ma għandhiex bżonn tieħu pożizzjoni dwar jekk il-bqija tal-attivitajiet ta' PAN (jiġifieri għajr il-kiri tal-faċilitajiet tat-tiswija tal-bastimenti bi ħlas) jikkostitwixxux attivitajiet ekonomiċi.

5.1.2. *L-imputabbiltà u r-riżorsi tal-Istat*

(122) Ir-riżorsi mogħtija għall-proġetti ta' investiment ġew ittrasferiti lil PAN mill-baġit tal-Istat. Kif ġie indikat fit-Taqsima 5.1.1, PAN tista' tiġi kkwalifikata bħala impriża għall-finijiet tad-deċiżjoni preżenti, bħala entità li twettaq attività ekonomika f'isem il-proprjetarju, li huwa l-Istat Taljan. Għalhekk, dak it-trasferiment jammonta għal trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u huwa imputabbli lill-Istat.

5.1.3. *Is-selettività*

(123) Sabiex titqies bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun speċifika jew selettiva fis-sens li trid tiffavorixxi biss lil ċerti impriżi u/jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti.

(124) Billi l-każ preżenti jikkonċerna l-miżuri ta' għajnuna mogħtija individwalment lil PAN, l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku twassal għall-preżunzjoni li l-miżuri huma selettivi ([42]).

(125) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri inkwistjoni jiffavorixxu lil PAN meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li huma f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli ma' dik ta' PAN. Il-Liġi 413/1998 tistabbilixxi li l-Ministeru, wara t-talbiet mill-Awtoritajiet tal-Port, għandu joħroġ programm ta' investimenti. Fuq it-talba ta' PAN, il-programm ta' investimenti ġie adottat b'żewġ Digrieti Ministerjali (tas-27 ta' Ottubru 1999 u tat-2 ta' Mejju 2001) (ara l-premessa 25). Anki jekk għadd ta' awtoritajiet ta' portijiet oħrajn elenkati f'dak il-Programm ta' Investiment ([43]) setgħu jużaw fondi pubbliċi sabiex iwettqu investimenti f'portijiet Taljani oħrajn, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri jiffavorixxu b'mod selettiv il-faċilità tal-bini tal-bastimenti ta' PAN. Tabilħaqq, PAN

([40]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2004 dwar l-għajnuna mill-Istat implimentata minn Spanja għal aktar għajnuna għar-ristrutturar lit-tarzni pubbliċi, kawża ta' għajnuna mill-Istat C 40/00 (ex NN 61/00) (2005/173/KE).

([41]) *"la concessione è assentita allo scopo di esercitarvi un cantiere di transformazioni e riparazioni di navi e/o imbarcazioni da diporto nonché per la gestione dei bacini di carenaggio in muratura …"*

([42]) Is-sentenza fil-Kawża T-314/15 *Il-Greċja vs il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:2017:903, para. 79.

([43]) Il-Programm tas-27 ta' Ottubru 1999 jelenka 20 port li jibbenifikaw mill-finanzjament nazzjonali u l-Programm tat-2 ta' Mejju 2001 ikompli jkabbar dik il-lista (għal 25 port).

irċeviet finanzjament mill-Istat sabiex tespandi, timmodernizza u tammeljora l-faċilità tal-bini tal-bastimenti li hija tiġġestixxi, kuntrarjament għal maniġers oħrajn ta' faċilitajiet tal-bini tal-bastimenti li mhumiex elenkati fil-programm ta' investimenti, pereżempju, minħabba li ma kinux jikkostitwixxu awtoritajiet tal-port. Tali maniġers mhux elenkati ta' faċilitajiet tal-bini tal-bastimenti huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli ma' PAN, iżda kellhom jespandu, jimmodernizzaw jew jammeljoraw l-infrastruttura tal-bini tal-bastimenti mingħajr ma jirċievu dak il-finanzjament mill-Istat. Skont il-Qorti, la għadd kbir ta' impriżi eliġibbli (li jistgħu saħansitra jinkludu l-impriżi kollha ta' settur partikolari), u lanqas id-diversità u d-daqs tas-setturi li għalihom jappartjenu, ma jipprovdu raġunijiet sabiex jiġi konkluż li miżura tal-Istat tikkostitwixxi miżura ġenerali ta' politika ekonomika ([44]). Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-miżuri huma selettivi wkoll minħabba li jiffavorixxu lil maniġer ta' faċilitajiet għall-bini u t-tiswija tal-bastimenti, meta mqabbel ma' maniġers ta' faċilitajiet ta' manifattura jew tiswija f'setturi oħrajn tal-ekonomija. Dawn tal-aħħar huma f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli minħabba li huma jeżerċitaw ukoll l-attività ekonomika tagħhom abbażi tal-faċilitajiet ta' manifattura jew tiswija li jiġġestixxu. Madankollu, huma għandhom isegwu l-attività ekonomika tagħhom mingħajr ma jibbenifikaw mill-appoġġ għall-investiment mogħti lil PAN.

5.1.4. *Vantaġġ ekonomiku*

(126) Il-finanzjament pubbliku ta' EUR 44 138 854,50 huwa pprovdut permezz ta' għotjiet jew ripagamenti ta' self ikkuntrattat minn PAN ma' istituzzjonijiet finanzjarji kif ippreżentat fit-Tabella 2 ta' hawn fuq. Għotja hija strument finanzjarju mhux rifondibbli li ma jkollu l-ebda kost finanzjarju. Bl-istess mod, ir-ripagament mill-Istat tas-self li daħlet għalih impriża u li jwassal sabiex ma jkunx hemm kostijiet finanzjarji li jitħallsu minn dik l-impriża bħala benefiċjarja mhuwiex disponibbli taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, hekk kif dan jeħles lill-impriża mill-obbligi finanzjarji li normalment ikollha tiffaċċja. Fis-suq, dawn l-istrumenti ta' finanzjament ma jkunux disponibbli għall-benefiċjarju. Għalhekk, il-finanzjament pubbliku pprovdut jagħti vantaġġ ekonomiku lil PAN.

(127) Madankollu, mis-sentenza ta' Altmark jirriżulta li l-kumpens mogħti mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat lill-impriżi inkonsiderazzjoni għall-OSP imposti fuqhom ma jagħti ebda vantaġġ bħal dan lill-impriżi kkonċernati u, b'hekk, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont is-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, diment li jiġu ssodisfati erba' kundizzjonijiet kumulattivi ([45]):

— L-ewwel nett, *l-impriża benefiċjarja fil-fatt hija meħtieġa li twettaq l-OSP u dawk l-obbligi ġew definiti b'mod ċar*. Billi d-definizzjoni tas-SIEĠ hija fi ħdan il-kompetenza tal-Istati Membri, is-setgħat tal-Kummissjoni huma, fil-prinċipju, limitati għall-verifika ta' jekk l-Istat Membru għamilx żball evidenti meta ddefinixxa s-servizz bħala SIEĠ.

— It-tieni nett, il-parametri li abbażi tagħhom jiġi kkalkolat il-kumpens ġew stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti. Il-ħtieġa li jiġu stabbiliti minn qabel il-parametri tal-kumpens ma tfissirx li l-kumpens għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' formula speċifika. Minflok, dak li huwa importanti huwa li jkun ċar mill-bidu nett kif għandu jiġi stabbilit il-kumpens. Ġeneralment, l-att rilevanti li jafda l-OSP irid mill-inqas jispeċifika l-kontenut u t-tul ta' żmien tal-OSP, l-impriża u t-territorju kkonċernati, il-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u r-rieżami tal-kumpens, kif ukoll l-arranġamenti għall-evitar u l-irkupru ta' kwalunkwe kumpens żejjed.

— It-tielet nett, il-kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ sabiex jiġu koperti l-kostijiet kollha, jew parti minnhom, li jkunu saru sabiex jitwettqu l-obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jitqiesu d-dħul rilevanti u qligħ raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi.

— Ir-raba' nett, meta l-impriża li tkun ser twettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku ma tintgħażilx fi proċedura ta' akkwist pubbliku, il-livell ta' kumpens meħtieġ ikun ġie ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li impriża tipika, immexxija sewwa u pprovduta b'mezzi ta' trasport adegwati sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti neċessarji ta' servizz pubbliku, kienet iġġarrab fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, filwaqt li jitqiesu d-dħul rilevanti u qligħ raġonevoli għat-twettiq tal-obbligi.

(128) F'dan il-każ (ara l-premessa 62), l-Italja sostniet li l-Artikolu 1.g) tad-Digriet Ministerjali tal-14 ta' Novembru 1994 impona OSP fuq l-awtoritajiet tal-portijiet Taljani kollha. Għalhekk, il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk ġewx issodisfati l-erba' kriterji ta' Altmark kollha.

([44]) Ara, pereżempju, is-sentenza fil-Kawża C-75/97 *Il-Belġju vs il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1999:311, para. 32; is-sentenza fil-Kawża C-143/99 *Adria-Wien Pipeline et Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke*, ECLI:EU:C:2001:598, para. 48.

([45]) Ara s-sentenza fil-Kawża C-280/00 *Altmark Trans vs Regierungsprasidium Magdeburg* ECLI:EU:C:2003:415, para. 87-88.

(129) Skont il-ġurisprudenza, ([46]) billi l-ewwel kundizzjoni ta' Altmark hija maħsuba biex tiżgura t-trasparenza u ċ-ċertezza legali, hija tirrikjedi li jiġu ssodisfati żewġ kriterji minimi: (i) l-impriża għandha tkun effettivament fdata bl-implimentazzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku, u (ii) in-natura, it-tul ta' żmien u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-obbligi jridu jiġu definiti b'mod ċar. Fin-nuqqas ta' definizzjoni ċara ta' tali kriterji oġġettivi, mhuwiex possibbli li jiġi vverifikat jekk attività partikolari tistax tiġi koperta mill-kunċett ta' SIEĠ. Dawk iż-żewġ kriterji minimi huma ta' applikazzjoni stretta u mhumiex koperti mid-diskrezzjoni wiesgħa tal-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkontrolla l-issodisfar tagħhom strettament u f'dan l-istadju ma tapplikax it-test ta' żball evidenti. Dak it-test ta' żball evidenti jiġi applikat biss fi stadju sussegwenti, bil-għan li jiġi kkontrollat jekk is-servizzi u l-obbligi effettivament fdati u definiti b'mod ċar humiex xierqa għal dežinjazzjoni bħala SIEĠ. Huwa biss f'dak l-aħħar stadju li l-eżistenza ta' falliment tas-suq tista' tkun rilevanti.

(130) Fil-każ preżenti, in-natura, it-tul ta' żmien u l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' servizz pubbliku allegatament fdat lil PAN ma ġewx definiti b'mod ċar. Kuntrarju għal dak li jsostnu l-awtoritajiet Taljani (ara l-premessa 63), il-liġi nazzjonali (l-Artikolu 1.g) tad-Digriet Ministerjali tal-14 ta' Novembru 1994) tiddeskrivi biss f'termini ġenerali ħafna l-obbligu impost fuq l-awtoritajiet tal-portijiet kollha, li jikkonsisti fil-ġestjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma ("*gestione di (…) bacini di carenaggio per il settore industriale*"), mingħajr aktar speċifikazzjonijiet. L-Artikolu 1.g ma jiddefinixxix it-tul ta' żmien tal-allegat obbligu ta' servizz pubbliku. Barra minn hekk, tali dispożizzjoni espressa b'mod ġenerali ma tiddefinixxix b'mod ċar in-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu.

(131) Fi kwalunkwe każ, fir-rigward ta' jekk l-allegati obbligi ta' servizz pubbliku humiex addattati għal dežinjazzjoni bħala SIEĠ, il-Kummissjoni ssib li l-awtoritajiet Taljani għamlu żball evidenti. L-awtoritajiet Taljani ma pprovdew ebda evidenza li turi li PAN, billi tikri faċilitajiet għat-tiswija tal-bastimenti bi ħlas, tipprovdi attività li mhijiex disponibbli fis-suq taħt kundizzjonijiet komparabbli ta' prezz, kwalità, kontinwità u aċċess għas-servizz. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-eżistenza ta' (jew il-possibbiltà li jinbnew) baċiri mbattlin mill-ilma oħrajn u baċiri f'wiċċ l-ilma tal-istess daqs fil-Port ta' Napli u f'portijiet ġirien oħrajn tista' teskludi l-klassifikazzjoni tal-ġestjoni ta' baċir imbattal mill-ilma speċifiku mill-Awtorità tal-Port bħala SIEĠ. Barra minn hekk, il-faċilitajiet issussidjati ma jipprovdu ebda benefiċċju ġenerali għas-soċjetà, iżda sempliċiment servizz lill-kumpaniji li jagħmlu tiswija tal-bastimenti fiż-żona ta' Napli ([47]). F'*Enirisorse*, ([48]) il-Qorti kkonfermat li l-operat ta' kwalunkwe port kummerċjali ma jikkostitwixxix awtomatikament l-operat ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li s-servizzi ekonomiċi pprovduti minn PAN ma juru ebda karatteristika speċjali meta mqabbla mal-kiri ta' faċilitajiet għat-tiswija tal-bastimenti fis-suq ([49]) u ma jindirizzaw ebda falliment tas-suq.

(132) Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni u t-tielet kundizzjoni ta' Altmark, il-Kummissjoni tosserva dan li ġej. Id-Digriet Ministerjali tal-14 ta' Novembru 1994 ma jipprovdi ebda kwantifikazzjoni jew parametri oġġettivi u trasparenti sabiex ikun jista' jiġi kkalkolat minn qabel il-kumpens għall-OSP allegatament ipprovdut minn PAN. Barra minn hekk, l-atti dwar l-għoti (ara l-premessa 125) ma jispeċifikawx aktar l-allegat kumpens għal OSP.

(133) Għalhekk, ma jistax jiġi stabbilit jekk kwalunkwe kumpens mogħti jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet rilevanti mġarrba fit-twettiq tal-allegat OSP, inkluż profitt raġonevoli.

(134) Fir-rigward tar-raba' kundizzjoni ta' Altmark, il-Kummissjoni tinnota li, skont l-Italja, l-OSP ma kienx u ma jistax jiġi fdat lil PAN permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku skont il-liġi Taljana (ara l-premessa 66).

(135) Skont is-sentenza ta' Altmark, meta l-impriża li tkun ser twettaq OSP ma tkunx intgħażlet wara proċedura ta' akkwist pubbliku sabiex jintgħażel offerent li jkun kapaċi jipprovdi dawn is-servizzi bl-inqas kost għall-komunità, il-livell ta' kumpens meħtieġ irid jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li kieku kienet iġġarrab impriża tipika, li tkun immexxija sewwa u li tkun ipprovduta bil-mezzi adegwati sabiex tkun tista' tissodisfa l-OSP, fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, filwaqt li jitqiesu d-dħul rilevanti u qligħ raġonevoli għat-twettiq tal-obbligi.

([46]) Is-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-66/16 P sa C-69/16 P *Comunidad Autónoma del País Vasco u Itelazpi vs il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2017:999, para 72, 73 u 75; Ara wkoll l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-Kawżi Magħquda C-66/16 P sa C-69/16 P *Comunidad Autónoma del País Vasco u Itelazpi vs il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:2017:654, para 112, 114-117 u 121.

([47]) Ara l-Komunikazzjoni dwar is-SIEĠ tal-2011, il-paragrafu 50.

([48]) Is-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-34/01 sa C-38/01 *Enirisorse* ECLI:EU:C:2003:640, para. 33

([49]) Ara l-Komunikazzjoni C(2011) 9404 finali dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, tal-20 ta' Diċembru 2011 (il-Komunikazzjoni dwar is-SIEĠ tal-2011), il-paragrafu 45.

(136) L-awtoritajiet Taljani ma pprovdew ebda analiżi komprensiva tal-kostijiet ta' impriża bħal din ipprovduta bil-mezzi adegwati sabiex twettaq l-allegat OSP. Huma lanqas ma indikaw li tali analiżi twettqet bl-iskop li tiddetermina l-metodoloġija sabiex jiġi kkalkolat il-kumpens.

(137) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li l-erba' kundizzjonijiet mhumiex issodisfati b'mod kumulattiv; b'hekk, il-miżuri kkonċernati jinvolvu vantaġġ ekonomiku.

5.1.5. *Tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ*

(138) Skont ġurisprudenza stabbilita, meta l-appoġġ finanzjarju mogħti minn Stat Membru jsaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li jikkompetu fil-kummerċ intra-UE, ikun hemm mill-inqas effett potenzjali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u l-kompetizzjoni ([50]).

(139) Il-Kummissjoni tinnota l-argumenti tal-Italja li skont il-liġi nazzjonali, il-ġestjoni tal-portijiet taqa' fil-mandat pubbliku u l-awtoritajiet tal-port ma joperawx f'settur li huwa liberalizzat u miftuħ għall-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(140) Kif indikat fil-premessi 118 u 119, dan il-proġett ta' investiment, billi jirrestawra l-baċiri mbattlin mill-ilma għal kundizzjonijiet adegwati, ser jippermetti lil PAN tkompli l-attività ekonomika tal-kiri tal-baċiri mbattlin mill-ilma u, b'hekk, ittejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tagħha. Għalkemm PAN hija attiva f'suq upstream tal-kiri tal-infrastruttura tal-bini jew tat-tiswija tal-bastimenti, il-fatt li tali infrastruttura hija ssussidjata u mbagħad tintuża sabiex tipprovdi servizzi ta' bini u tiswija tal-bastimenti fil-livell downstream tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ fil-livell tal-UE. Dan għaliex is-settur tal-bini jew tat-tiswija tal-bastimenti huwa miftuħ għall-kompetizzjoni u l-kummerċ fil-livell tal-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, ir-regoli speċifiċi għas-settur applikabbli għall-bini tal-bastimenti jistabbilixxu qafas għal intervent pubbliku possibbli f'dawk il-faċilitajiet ([51]). Barra minn hekk, PAN tikkompeti kontra maniġers oħrajn li jistgħu jikru l-infrastruttura tal-bini jew tat-tiswija tal-bastimenti fl-Unjoni u, b'hekk, topera f'suq li huwa miftuħ għall-kompetizzjoni u l-kummerċ fil-livell tal-Unjoni.

(141) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri inkwistjoni jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ intra-UE.

5.1.6. *Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 345 tat-TFUE*

(142) L-awtoritajiet Taljani jsostnu li l-kunsiderazzjoni tal-miżuri bħala għajnuna mill-Istat tkun ksur tal-Artikolu 345 tat-TFUE li jistabbilixxi l-prinċipju tan-newtralità bejn l-entitajiet pubbliċi u privati. Proprjetarju privat jista' jinvesti kemm jixtieq fil-faċilitajiet ta' tiswija tal-bastimenti, filwaqt li l-investimenti mill-Istat fuq l-infrastruttura tiegħu jkunu dejjem għajnuna mill-Istat.

(143) Il-Kummissjoni tinnota li l-ordni ġuridiku tal-Unjoni huwa newtrali fir-rigward tas-sistema ta' sjieda tal-proprjetà u bl-ebda mod ma jippreġudika d-dritt tal-Istati Membri li jaġixxu bħala operaturi ekonomiċi. Madankollu, meta l-awtoritajiet pubbliċi jwettqu direttament jew indirettament tranżazzjonijiet ekonomiċi fi kwalunkwe forma, ([52]) huma soġġetti għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. It-tranżazzjonijiet ekonomiċi mwettqa minn korpi pubbliċi (inklużi impriżi pubbliċi) ma jagħtux vantaġġ lill-kontroparti tagħhom u, għalhekk, ma jikkostitwixxu ebda għajnuna, jekk jitwettqu skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq ([53]).

(144) Il-Kummissjoni ssib li meta pprovda l-finanzjament tal-Istat lil PAN, l-Istat Taljan ma wettaqx l-investiment f'konformità mal-'prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq'. L-ewwel nett, dak il-prinċipju mhuwiex applikabbli f'sitwazzjoni fejn awtorità pubblika tippreżenta lilha nnifisha bħala l-awtorità li torganizza u tiddelega servizz pubbliku. L-applikabbiltà ta' dak il-prinċipju hija neċessarjament esklużа, minħabba li, skont id-definizzjoni, l-Istat Membru qed jaġixxi bħala awtorità pubblika fl-organizzazzjoni u d-delega tal-allegat servizz pubbliku ([54]). It-tieni nett, anki jekk il-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq kien applikabbli, il-Kummissjoni tqis li operatur privat fl-istess settur kien iħejji pjan ta' negozju ex-ante u kien iwettaq l-investiment biss jekk dan ikun profittabbli fuq dik il-bażi. Kunsiderazzjonijiet oħrajn (pereżempju, it-tisħiħ tal-immaġini, kif imsemmi mill-Italja, ara l-premessa 69) jistgħu jiġu kkunsidrati b'mod eċċezzjonali fl-analiżi tal-profittabbiltà, iżda jkunu jridu jiġu ssostanzjati b'evidenza oġġettiva, li ma ġietx ipprovduta mill-awtoritajiet Taljani.

([50]) Ara, pereżempju, is-sentenza fil-Kawża 730/79 *Philip Morris vs il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1980:209, para. 11 u s-sentenza fil-Kawża C-372/97 *L-Italja vs il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2004:234, para. 44.

([51]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2004 dwar l-għajnuna mill-Istat implimentata minn Spanja għal aktar għajnuna għar-ristrutturar lit-tarzni Spanjoli pubbliċi, kawża dwar l-għajnuna mill-Istat C 40/00 (ex NN 61/00), (2005/173/KE).

([52]) Ara, pereżempju, is-Sentenza fil-Kawża 40/85 *Il-Belġju vs il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1986:305, para. 12.

([53]) Is-sentenza fil-Kawża C-39/94 *SFEI u Oħrajn* ECLI:EU:C:1996:285, para. 60-61.

([54]) Is-sentenza fil-Kawża T-454/13 *SNCM vs il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:2017:134, para. 233.

(145) Kif ġie ddikjarat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw analiżi finanzjarja bbażata fuq id-differenza fil-finanzjament ikkalkolata bħala d-differenza bejn il-valur skontat tal-introjtu operatorju mistenni tal-investiment u l-kostijiet tal-investiment skontati tal-proġett. Ir-riżultati ta' dan il-kalkolu juru li, matul perjodu ta' referenza ta' 25 sena, il-proġett għandu valur preżenti nett finanzjarju negattiv ta' – EUR 44 274 286,68.

(146) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-kwalifika tal-miżuri bħala għajnuna mill-Istat ma tikkawża ebda ksur tal-Artikolu 345 tat-TFUE.

5.1.7. *Klassifikazzjoni tal-miżuri bħala għajnuna eżistenti*

(147) L-Italja ssostni li l-miżuri inkwistjoni jikkostitwixxu l-għajnuna eżistenti skont is-sens tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Proċedurali, li jiddefinixxi l-għajnuna eżistenti bħala "*għajnuna li titqies li hija għajnuna eżistenti minħabba li jista' jiġi stabbilit li, fiż-żmien meta daħlet fis-seħħ, ma kienet tikkostitwixxi ebda għajnuna u, sussegwentement, saret għajnuna minħabba l-evoluzzjoni tas-suq intern u mingħajr ma nbidlet mill-Istat Membru*." L-Artikolu 1(b)(v) jistabbilixxi wkoll li "*[B]illi ċerti miżuri jsiru għajnuna wara l-liberalizzazzjoni ta' attività mid-dritt tal-Unjoni, dawn il-miżuri ma għandhomx jitqiesu bħala għajnuna eżistenti wara d-data ffissata għal-liberalizzazzjoni*".

(148) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-għajnuna ma tistax tiġi kklassifikata bħala għajnuna eżistenti minħabba li l-appoġġ mill-Istat għall-faċilitajiet tal-bini u t-tiswija tal-bastimenti dejjem tqies bħala għajnuna mill-Istat, anki qabel is-sentenza ta' Leipzig Halle ([55]).

(149) Il-Kummissjoni tinnota l-argumenti tal-Italja li d-Deċiżjoni 94/374/KE dwar il-Liġi Reġjonali ta' Sqallija (ikkwotata fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, ara l-premessa 74) ma tappoġġjax il-konklużjoni li l-miżuri ta' appoġġ pubbliku għall-faċilitajiet ta' tiswija tal-bastimenti f'baċir imbattal mill-ilma dejjem kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Madankollu, il-Kummissjoni ssib li din id-deċiżjoni tagħmel distinzjoni ċara bejn l-appoġġ pubbliku pprovdut lill-korp responsabbli għall-amministrazzjoni tal-port (li ma ġiex ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat) u l-appoġġ pubbliku pprovdut lill-istess korp pubbliku għax-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-baċir imbattal mill-ilma (li ġie kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat). Fi kwalunkwe każ, il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat huwa kunċett oġġettiv li huwa influwenzat biss jekk miżura tal-Istat tagħtix vantaġġ lil impriża partikolari waħda jew aktar, filwaqt li dan il-kunċett oġġettiv mhuwiex affettwat mill-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni ([56]).

(150) Għalhekk, il-Kummissjoni ttenni l-konklużjoni tagħha li l-miżuri inkwistjoni kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat anki qabel is-sentenza ta' Leipzig Halle.

5.2. **L-eżistenza tal-għajnuna lil CAMED**

(151) Billi PAN irċeviet u ser tkompli tirċievi appoġġ pubbliku sabiex tiffinanzja l-interventi miftiehma ma' CAMED, din tal-aħħar ma kellhiex bżonn tkopri l-kostijiet kollha tal-investiment bħal kwalunkwe operatur privat ieħor ta' faċilitajiet għat-tiswija tal-bastimenti fis-suq. Il-Kummissjoni ssib li, billi pprovdiet il-baċiri mbattlin mill-ilma lil CAMED taħt ir-rati tas-suq, l-Italja tat vantaġġ ekonomiku selettiv favur CAMED.

5.2.1. *L-imputabbiltà u r-riżorsi tal-Istat*

(152) Billi PAN hija entità pubblika li tifforma parti mill-amministrazzjoni tal-Istat (anki jekk titqies li taġixxi bħala impriża privata, ara l-premessa 118), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri huma imputabbli lill-Istat. F'każijiet fejn awtorità pubblika tagħti għajnuna lil benefiċjarju, dan it-trasferiment huwa imputabbli lill-Istat, anki jekk l-awtorità inkwistjoni jkollha awtonomija legali minn awtoritajiet pubbliċi oħrajn.

(153) Ir-riżorsi tal-Istat jinkludu r-riżorsi kollha tas-settur pubbliku, inklużi r-riżorsi ta' entitajiet intra-Statali (deċentralizzati, federati, reġjonali jew oħrajn). Barra minn hekk, ir-rinunzja għad-dħul illi kieku kien jitħallas lill-Istat tikkostitwixxi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Jekk l-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu oġġetti jew servizzi bi prezz taħt ir-rati tas-suq, dan jimplika rinunzja tar-riżorsi tal-Istat (kif ukoll l-għoti ta' vantaġġ).

(154) Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li billi pprovdiet il-baċiri mbattlin mill-ilma lil CAMED taħt ir-rati tas-suq, PAN irrinunzjat ir-riżorsi tal-Istat.

([55]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni 94/374/KE.
([56]) Is-sentenza fil-Kawża T-445/05 *Associazione italiana del risparmio gestito και Fineco Asset Management vs il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:2009:50, para. 145.

5.2.2. *Is-selettività*

(155) Sabiex titqies bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun speċifika jew selettiva fis-sens li tiffavorixxi biss lil ċerti impriżi u/jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti. L-Italja ssostni li l-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u trasversali, minħabba li skont il-mudell pubbliku li abbażi tiegħu l-leġiżlatura Taljana organizzat is-settur tal-portijiet, l-impriżi kollha (mhux biss CAMED) li joperaw fiż-żona tal-port fil-portijiet Taljani kollha (mhux biss Napli) u fis-setturi ekonomiċi kollha (mhux biss fis-settur tal-bini tal-bastimenti) "ibbenefikaw" minn "għajnuna" li hija identika għal dik li allegatament gawdiet minnha CAMED. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-valutazzjoni għar-raġunijiet ta' hawn taħt.

(156) L-ewwel nett, billi l-kuntratt ta' konċessjoni kien iffirmat speċifikament ma' CAMED, il-vantaġġ huwa preżunt bħala li ngħata lil CAMED b'mod selettiv. F'miżuri ta' għajnuna individwali, l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku twassal għall-preżunzjoni li l-miżura hija selettiva ([57]). It-tieni nett, u fi kwalunkwe każ, il-miżuri huma selettivi minħabba li jiffavorixxu lil CAMED fir-rigward ta' impriżi oħrajn f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli. Kif muri fit-Taqsima 5.2.3 tad-Deċiżjoni preżenti, CAMED tista' topera l-faċilitajiet tal-bini u t-tiswija tal-bastimenti fil-port ta' Napli billi tħallas biss frazzjoni żgħira tal-kost tagħhom. B'kuntrast, tarzni oħrajn (f'portijiet oħrajn jew barra ż-żona tal-portijiet) li joperaw faċilitajiet mhux Statali u li, b'hekk, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Digriet Ministerjali Nru 595/1995 għandhom, fil-prinċipju, iġorru huma stess il-kost sħiħ tat-twaqqif tal-faċilitajiet tagħhom għall-bini u t-tiswija tal-bastimenti, li huma joperaw sabiex jipprovdu tali servizzi. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-miżuri huma selettivi wkoll minħabba li jiffavorixxu lil operatur ta' faċilitajiet għall-bini u t-tiswija tal-bastimenti, meta mqabbel ma' operaturi ta' faċilitajiet għall-manifattura jew it-tiswija f'setturi oħrajn tal-ekonomija. Dawn tal-aħħar huma f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli minħabba li huma jeżerċitaw ukoll l-attività ekonomika tagħhom abbażi tal-faċilitajiet ta' manifattura jew tiswija li joperaw. Madankollu, kuntrarjament għal CAMED, huma għandhom isegwu l-attività ekonomika tagħhom mingħajr ma jibbenifikaw minn prezzijiet tal-kiri taħt il-kost għall-faċilitajiet tagħhom.

5.2.3. *Vantaġġ ekonomiku*

(157) Fir-rigward ta' CAMED, il-Kummissjoni tinnota li l-kuntratt ta' konċessjoni ma ngħatax permezz ta' offerta miftuħa, iżda permezz ta' tip differenti ta' proċedura fejn operaturi oħrajn jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet jew proposti alternattivi kontra applikazzjoni individwali għal konċessjoni (tip ta' "proċedura ta' oppożizzjoni", ara l-premessa 15).

(158) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li t-tariffa mħallsa minn CAMED skont il-Konċessjoni tal-2004 ma tikkorrispondix għal miżata konformi mas-suq. Il-miżata għall-użu tal-art imħallsa minn CAMED lil PAN tiġi kkalkulata abbażi ta' parametri legali fissi u tammonta għal medja ta' madwar EUR 140 201,29 kull sena li, għall-perjodu ta' konċessjoni ta' 30 sena, jammontaw għal madwar EUR 4,2 miljun ([58]). Dik il-miżata tiġi ddeterminata fuq il-bażi tad-Digriet Nru 595 tal-15 ta' Novembru 1995 u tqis in-numru ta' metri kwadri taż-żona pubblika li magħha hija relatata l-konċessjoni, immultiplikat b'ammont ta' unità espress f'euro, li jiżdied kull sena abbażi ta' koeffiċjent espress bħala perċentwal. L-ammont tal-unità f'euro ivarja skont l-attivitajiet koperti mill-konċessjoni. Waħda mill-attivitajiet imsemmija f'dak id-digriet hija "attivitajiet fit-tarzni" (jiġifieri tiswijiet/konverżjonijiet fis-settur tat-trasport marittimu). Madankollu, l-attività tal-ġestjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma li kienet fdata lil CAMED abbażi tal-Konċessjoni ma tissemmiex f'dak id-digriet.

(159) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-miżata ddeterminata fuq il-bażi tal-metodu msemmi hawn fuq hija biss kunsiderazzjoni għall-okkupazzjoni ta' proprjetà tal-Istat, iżda ma tqisx is-suġġett attwali u l-valur ekonomiku tal-konċessjoni li jirriżulta. Speċifikament, il-miżata ma tqisx il-fatt li l-konċessjoni tippermetti lil CAMED sabiex mhux biss twettaq attivitajiet ta' tiswija tal-bastimenti, iżda wkoll il-ġestjoni unika tal-baċiri mbattlin mill-ilma tal-Istat. Dan jippermetti lil CAMED titlob miżata lil operaturi portwarji oħrajn li jkunu jixtiequ jwettqu xogħol ta' tiswija fuq dawk il-baċiri ([59]).

(160) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li skont il-Konċessjoni tal-2004, CAMED impenjat ruħha li twettaq investimenti fl-ammont ta' EUR 24 610 420. Skont l-awtoritajiet Taljani u CAMED, il-programm ta' investiment ta' CAMED fir-realtà kien jammonta għal EUR 42 541 495 miljun (ara l-premessi 80 u 100).

(161) Il-Kummissjoni tikkonkludi li CAMED, bħala l-maniġer u l-operatur tal-baċiri mbattlin mill-ilma (jiġifieri fornitur ta' servizzi ta' tiswija tal-bastimenti), tkun responsabbli sabiex iġġorr il-kostijiet kollha tax-xogħlijiet ta'

([57]) Is-sentenza fil-Kawża T-314/15 *Il-Greċja vs il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:2017:903, para. 79.

([58]) Din il-figura tirriżulta mill-estrapolazzjoni fuq perjodu tat-30 sena tal-miżata tal-konċessjoni medja li CAMED diġà ħallset għall-perjodu 2004-2017.

([59]) B'mod partikolari, il-miżata li titħallas minn operaturi portwarji oħrajn lil CAMED tkopri: (i) l-użu tal-baċiri mbattlin mill-ilma u (ii) il-forniment minn CAMED ta' "servizzi assoċjati", bħad-dħul, il-ħruġ u l-manutenzjoni ta' bastiment fil-baċir, il-provvista tal-elettriku, l-arja kkompressata, il-krejnijiet tal-baċiri, il-monitoraġġ u s-sikurezza ambjentali.

rinnovazzjoni. B'mod alternattiv, jekk il-faċilitajiet rinnovati jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha, CAMED tkun meħtieġa tħallas miżata (konċessjoni) li tirrifletti mill-inqas il-valur tal-investiment magħmul mill-Istat Taljan u PAN għar-rinnovazzjonijiet. Dan minħabba li CAMED tuża l-infrastruttura ssussidjata għat-tul tal-ħajja tagħha, għalhekk, fl-aħħar tal-perjodu tal-konċessjoni, l-Istat iżomm biss valur residwu limitat.

(162) Il-Kummissjoni tinnota li parti biss mill-investimenti ta' CAMED tikkonċerna r-rinnovazzjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma (ara l-premessa 100). Il-parti (maġġuri) li jifdal tal-investimenti hija direttament imġarrba għat-tħaddim u l-immaniġġjar ta' kuljum tal-faċilitajiet li għalihom CAMED tkun fi kwalunkwe każ responsabbli.

(163) Għalhekk, l-investimenti fl-ammont ta' EUR 42 miljun imwettqa minn CAMED għall-benefiċċju tagħha stess (jiġifieri sabiex tkopri l-kostijiet li xorta waħda tkun responsabbli li ġġorr) huma investiment privat addizzjonali minbarra l-interventi pubbliċi kollha msemmija fit-Tabella 2 u ma jistgħux jitqiesu bħala kontribuzzjoni lejn miżata ta' konċessjoni tas-suq. Lanqas il-parti ta' dan l-ammont (EUR 11,1 miljun) imwettqa minn CAMED għall-investimenti fil-baċiri (ara l-premessa 15) ma tista' titqies bħala kontribuzzjoni proprja, minħabba li fl-aħħar tal-kuntratt ta' konċessjoni ma kien hemm ebda valur (jew valur minimu ħafna) dovut lil PAN, minħabba l-amortizzament tal-assi kollha.

(164) Barra minn hekk, kif ġie ddikjarat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk ġiex impost OSP fuq CAMED fil-kuntest tal-ftehim ta' Konċessjoni. L-Italja sostniet qabel id-Deċiżjoni tal-Ftuħ li, minħabba li l-baċiri mbattlin mill-ilma jintużaw minn CAMED għall-forniment ta' SIEĠ, kwalunkwe investiment meħtieġ sabiex jiġi pprovdut dak is-servizz jirrappreżenta kumpens għal dak is-servizz.

(165) Għalkemm wara d-Deċiżjoni tal-Ftuħ, l-Italja ma sostnietx aktar li ġie impost OSP fuq CAMED, għall-finijiet ta' kompletezza, il-Kummissjoni tivvaluta fil-premessi li ġejjin jekk l-erba' kundizzjonijiet ta' Altmark humiex issodisfati b'mod kumulattiv fir-rigward tal-miżuri b'appoġġ għal CAMED.

(166) Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni ta' Altmark, il-kriterji minimi msemmija fil-premessa (129) mhumiex issodisfati. Speċifikament, in-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' servizz pubbliku allegatament fdat lil CAMED ma ġewx definiti b'mod ċar. L-obbligu huwa definit fil-Konċessjoni b'referenza sempliċi għad-dispożizzjoni fformulata b'mod ġenerali tal-Artikolu 1.g tad-Digriet Ministerjali tal-14 ta' Novembru 1994. Għalhekk, għalkemm jista' jiġi sostnut li t-tul ta' żmien tal-obbligu huwa definit permezz tat-tul ta' żmien ta' 30 sena tal-Konċessjoni, għad ma hemm ebda definizzjoni ċara tan-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-allegat obbligu ta' servizz pubbliku għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (130) tad-Deċiżjoni preżenti.

(167) Fi kwalunkwe każ, fir-rigward ta' jekk l-allegati obbligi ta' servizz pubbliku humiex xierqa għad-dežinjazzjoni bħala SIEĠ, il-Kummissjoni ma tqisx li CAMED hija meħtieġa li twettaq l-obbligi li jistgħu jiġu definiti bħala obbligi ta' servizz pubbliku. Tabilħaqq, is-servizz (l-immaniġġjar tal-baċiri mbattlin mill-ilma) diġà qed jiġi pprovdut u jista' jiġi pprovdut b'mod sodisfaċenti minn impriżi oħrajn li joperaw taħt kundizzjonijiet normali tas-suq. Is-servizz ma juri ebda karatteristika speċjali meta mqabbel ma' dawk ta' proprjetarji privati ta' servizzi ta' tiswija tal-bastimenti u maniġers ta' tali faċilitajiet u ma jindirizza l-ebda falliment tas-suq. L-awtoritajiet Taljani ma pprovdew ebda evidenza li turi li CAMED tipprovdi attività mhux ipprovduta fis-suq taħt kundizzjonijiet komparabbli ta' prezz, kwalità, kontinwità u aċċess għas-servizz. Barra minn hekk, il-faċilitajiet issussidjati ma jipprovdu ebda benefiċċju ġenerali għas-soċjetà, iżda sempliċiment servizz lill-proprjetarji tal-bastimenti fiż-żona ta' Napli ([60]).

(168) Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni ta' Altmark, il-Konċessjoni tal-2004 ma tipprovdi espliċitament ebda kwantifikazzjoni jew parametri stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti sabiex jiġi kkalkolat l-ammont ta' kumpens li PAN għandha tħallas lil CAMED bi skambju għall-obbligu li jingħata aċċess miftuħ għall-baċir imbattal mill-ilma lil kwalunkwe kumpanija oħra li tagħmel tiswijiet tal-bastimenti. Il-Konċessjoni tal-2004 ma tagħmel ebda rabta espliċita bejn dak l-obbligu u l-impenn ta' PAN li twettaq l-Interventi involuti. Barra minn hekk, il-Konċessjoni tal-2004 ma tidentifikax b'mod ċar it-telf operatorju allegatament imġarrab minn CAMED u lanqas l-ammont tal-Interventi.

(169) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-finanzjament tal-Interventi bħala kumpens lil CAMED għall-obbligu li jingħata aċċess miftuħ għall-baċiri mbattlin mill-ilma ma jistax jeskludi r-riskju ta' kumpens żejjed kif meħtieġ mit-tielet kriterju ta' Altmark. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' kwalunkwe kalkolu jew stima tat-telf operatorju allegatament imġarrab fit-twettiq tal-OSP, ma jidhirx li huwa possibbli li jiġi vverifikat li l-ammont ta' investimenti mogħtija għall-Interventi jikkorrespondi għal tali telf operatorju, filwaqt li jitqies qligħ raġonevoli.

([60]) Ara l-Komunikazzjoni dwar is-SIEĠ tal-2011, il-paragrafu 50.

(170) Fir-rigward tar-raba' kundizzjoni ta' Altmark, il-konċessjoni tal-art ingħatat lil CAMED mingħajr proċedura ta' akkwist pubbliku u l-Italja qatt ma pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi vvalutat jekk l-ammont ta' investimenti mogħtija għall-Interventi jikkorrispondix għal-livell tal-kostijiet ta' impriża tipika mmexxija sewwa li tagħti aċċess miftuħ għall-baċiri mbattlin mill-ilma lil kwalunkwe kumpanija oħra li tagħmel tiswija tal-bastimenti.

(171) Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li l-erba' kundizzjonijiet mhumiex issodisfati b'mod kumulattiv; b'hekk, il-miżuri kkonċernati jinvolvu vantaġġ ekonomiku għal CAMED.

5.2.4. *Tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ*

(172) It-tiswija tal-bastimenti tirrappreżenta attività ekonomika f'settur miftuħ għall-kompetizzjoni u l-kummerċ fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, kwalunkwe vantaġġ mogħti lil CAMED jista' jfixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ intra-UE.

5.2.5. *Klassifikazzjoni tal-miżuri bħala għajnuna eżistenti*

(173) Għar-raġunijiet analizzati fit-Taqsima 5.1.7 ta' din id-Deċiżjoni rigward PAN, il-Kummissjoni hija tal-fehma wkoll li l-miżuri favur CAMED ma jistgħux jitqiesu bħala għajnuna eżistenti.

5.3. **Il-kompatibbiltà**

(174) Il-Kummissjoni ssib li l-baċiri mbattlin mill-ilma mhumiex infrastrutturi tat-trasport, iżda faċilitajiet tal-produzzjoni għat-tarzni minħabba li jintużaw għall-bini tal-bastimenti jew għat-tiswija tal-bastimenti u mhux għal finijiet ta' trasport. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-miżuri ma jistgħux jiġu vvalutati direttament skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE bħala għajnuna għall-investiment għal infrastruttura tat-trasport, kif isostnu l-awtoritajiet Taljani (ara l-premessa (86)).

(175) Il-Kummissjoni ssib li l-għajnuna ma tistax tiġi vvalutata abbażi tal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE dwar l-għajnuna li tingħata sabiex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali. Il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna tista' tinstab li hija kompatibbli skont l-Artikolu biss jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet stretti ħafna, inter alia, li l-għajnuna tikkumpensa biss għall-ħsara kkawżata direttament mill-avveniment inkwistjoni u ma tirriżultax f'kumpens żejjed, li ma kinux ippruvati f'dan il-każ ([61]).

(176) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-eżami tal-kompatibbiltà tal-miżuri għal PAN u għal CAMED għandu l-ewwel isir skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Qafas tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku ("Qafas tas-SIEĠ 2011") ([62]).

(177) Jekk il-kundizzjonijiet tal-kompatibbiltà stabbiliti fil-Qafas tas-SIEĠ 2011 ma jiġux irrispettati, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-eżami tal-kompatibbiltà tal-miżuri mogħtija lil PAN u CAMED seta' jitwettaq ukoll skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għas-settur tal-bini tal-bastimenti applikabbli fiż-żmien tal-għoti ta' kull miżura.

(178) Il-Kummissjoni ssib li d-data tal-għoti tal-għajnuniet individwali lil PAN mhijiex id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi Nru 413/1998, kif issostni l-Italja (ara l-premessa 85). Dik il-liġi hija wisq ġenerali u ma tistax tagħti lil benefiċjarju d-dritt legali li jirċievi l-għajnuna, minħabba li ma enumeratx benefiċjarji speċifiċi jew l-ammonti ta' għajnuna ([63]). Minflok, il-Kummissjoni ssib li d-dritt li tirċievi l-għajnuna inkwistjoni ġej mid-Digriet Ministerjali tas-27 ta' Diċembru 1999, li ġie adottat fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas ġenerali stabbilit mil-Liġi 413/1998, moqri flimkien mad-Digriet Ministerjali tat-2 ta' Mejju 2001, li huma l-atti ta' implimentazzjoni effettivi tal-miżura, kif meħtieġ mil-Liġi Nru 413/1998.

(179) Skont l-Artikolu 9 tal-Liġi 413/1998, abbażi ta' talba mill-Awtoritajiet tal-Port rilevanti, l-Artikolu 1 tad-Digriet Ministerjali tas-27 ta' Ottubru 1999 jipprevedi l-adozzjoni ta' programm ta' xogħlijiet infrastrutturali għall-espansjoni, il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp mill-ġdid tal-portijiet u l-allokazzjoni tar-riżorsi stabbiliti f'anness għalih. Skont dak l-anness, il-Ministeru kellu jagħmel disponibbli għal PAN EUR 51,403 miljun (lira Taljana 99,53 biljun) għal xogħlijiet ta' investiment għall-baċiri mbattlin mill-ilma fil-Port ta' Napli. L-ammonti li jridu jiġu magħmula disponibbli għall-investiment infrastrutturali kollu fil-portijiet mill-2001 sal-2017 ġew stabbiliti fl-anness għad-Digriet Ministerjali tat-2 ta' Mejju 2001, li ġie adottat ukoll abbażi tal-Liġi 413/1998. Fir-rigward ta' PAN, dan id-digriet iffissa l-limitu massimu tal-finanzjament globali bħala EUR 102 miljun (lira Taljana 197,5 biljun). Dawn id-digrieti jagħtu lil PAN, inter alia, id-dritt li tikseb ir-ripagament mill-Ministeru ta' self fir-rigward

([61]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni SA.39622 (2014/N), Ir-Repubblika tas-Slovenja - Għajnuna li tingħata sabiex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn kisja rqiqa ta' silġ fis-Slovenja f'Jannar u Frar 2014 (is-setturi kollha għajr l-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd u l-akkwakultura).

([62]) ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15.

([63]) Ara s-sentenza fil-Kawża C-245/16 *NEREA* ECLI:EU:C:2017:521, para. 32.

tal-proġetti ta' infrastruttura tal-portijiet stabbiliti fl-anness għad-digrieti ministerjali, inklużi dawk relatati mal-baċiri mbattlin mill-ilma involuti. Dawn l-investimenti kienu diġà previsti fiż-żmien tal-Konċessjoni tal-2004 lil CAMED u l-konċessjoni nnifisha tirreferi għal dawn l-investimenti diġà stabbiliti fil-Ftehim tal-2001. Għaldaqstant, il-bażi ta' kompatibbiltà li ġejja tista' tkun applikabbli għall-għajnuna għall-bini tal-bastimenti (għajnuna reġjonali għal investiment fit-titjib jew il-modernizzazzjoni tat-tarzni eżistenti bil-għan li tittejjeb il-produttività tal-installazzjonijiet eżistenti) lil PAN u CAMED:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1540/98;

(2) Il-Qafas tal-2004 dwar l-għajnuna mill-Istat għall-bini tal-bastimenti, li oriġinarjament kien applikabbli mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2006, u li wara ġie estiż darbtejn sal-31 ta' Diċembru 2008 u sal-31 ta' Diċembru 2011;

(3) Il-Qafas tal-2011 dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-bini tal-bastimenti, li kien applikabbli għal għajnuna mhux innotifikata mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2011. L-applikazzjoni ta' dan il-Qafas ġiet estiża sat-30 ta' Ġunju 2014;

(4) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-perjodu 2014-2020 mill-1 ta' Lulju 2014.

(180) L-Italja sostniet li l-bażi ta' kompatibbiltà msemmija hawn fuq għall-għajnuna għall-bini tal-bastimenti ma għandhiex tiġi applikata bħala tali u, minflok, dik il-kompatibbiltà għandha tiġi vvalutata direttament abbażi tal-Artikoli 107 tat-TFUE u fid-dawl ta' dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi sekondarja adottati fis-settur tal-għajnuna mill-Istat ([64]). L-Italja semmiet il-bumbardamenti tat-Tieni Gwerra Dinjija, it-terremoti, l-iżvilupp tal-ekonomija ta' reġjun megħjun u l-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-port.

(181) Skont il-ġurisprudenza, huwa f'idejn l-Istat Membru li juri li ċ-ċirkostanzi ta' miżura nazzjonali huma differenti minn dawk previsti fil-linji gwida rilevanti u, b'hekk, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-miżura direttament skont l-Artikolu 107(3) tat-TFUE ([65]). Sal-punt li l-Italja tqis l-ibbumbardjar tat-Tieni Gwerra Dinjija u t-terremoti bħala raġuni sabiex tiddevja mil-linji gwida msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni diġà spjegat fil-premessa 175 għaliex il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE xorta waħda mhumiex issodisfati għall-miżuri inkwistjoni. Fir-rigward tal-argument dwar il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-port bħala bażi għall-valutazzjoni tal-miżuri direttament skont it-Trattat, il-Kummissjoni spjegat ukoll fil-premessa 174 li l-baċiri mbattlin mill-ilma mhumiex infrastrutturi tat-trasport u, għalhekk, ma jistgħux jiġu vvalutati direttament skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE. Fl-aħħarnett, fir-rigward tal-argument tal-Italja dwar l-iżvilupp tal-ekonomija tar-reġjun megħjun rilevanti, il-Kummissjoni tinnota li tali għajnuna ma tiġix ivvalutata skont il-linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali applikabbli fiż-żmien meta ngħataw il-miżuri, minħabba li l-għajnuna għall-bini tal-bastimenti kienet irregolata minn regoli settorjali kif ippreżentati fil-premessa 176, fatt rikonoxxut b'mod ċar minn kull waħda mil-linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali applikabbli fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna ([66]). Jagħmel sens ukoll li l-għajnuna fuq l-assi tal-bini tal-bastimenti tiġi vvalutata skont ir-regoli settorjali speċifiċi dwar il-bini tal-bastimenti minflok abbażi tar-regoli aktar ġenerali dwar l-għajnuna reġjonali, minħabba li huma biss il-linji gwida settorjali li jistgħu jkopru l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur u, għalhekk, li jindirizzaw bl-aħjar mod l-għan komuni segwit mill-għajnuna.

5.3.1. *Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna lil PAN*

(182) Waħda mill-kundizzjonijiet sabiex l-għajnuna titqies bħala kompatibbli skont il-Qafas tas-SIEĠ 2011 hija li l-għajnuna trid tingħata għal SIEĠ ġenwin u definit b'mod korrett kif imsemmi fl-Artikolu 106(2) tat-TFUE. Barra minn hekk, is-SIEĠ għandu jkun fdat permezz ta' att li jispeċifika l-OSP u l-metodi tal-kalkolu tal-kumpens, u l-ammont ta' kumpens ma għandux jeċċedi dak li huwa meħtieġ sabiex ikopri l-kost nett sabiex jitwettqu l-OSP, inkluż profitt raġonevoli.

(183) L-argumenti inklużi fit-Taqsima 5.1.4 juru li l-Kummissjoni ssib li l-Italja għamlet żball evidenti ta' apprezzament fid-definizzjoni tas-servizz pubbliku impost fuq PAN. Barra minn hekk, l-atti rilevanti ma jagħtu l-ebda indikazzjoni tal-ammont ta' kumpens li għandu jingħata lil PAN għall-ġestjoni tal-baċiri mbattlin mill-ilma jew kif għandu jiġi kkalkolat tali kumpens u, għalhekk, ma jippermettux li jiġi konkluż jekk kwalunkwe kumpens mogħti

([64]) Hawnhekk, l-Italja tirreferi għall-Avviż Nru 2003/C 317/06 (ĠU C 317, 30.12.2003, p. 11) u, b'mod partikolari, għall-paragrafu 12, li jiddikjara li "l-għajnuna għall-bini tal-bastimenti tista' tingħata skont l-Artikoli [107 u 108 tat-TFUE] u l-leġiżlazzjoni u l-miżuri kollha adottati fuq dawk il-bażijiet."

([65]) Il-Kawża C-431/14 P *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2016:145, il-paragrafi 70-72.

([66]) Ara l-punt 8 (u n-nota 9 f'qiegħ il-paġna) tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-perjodu 2007-2013 (ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13): "(…) xi setturi oħrajn [it-trasport u l-bini tal-bastimenti] huma soġġetti wkoll għal regoli speċifiċi li jikkunsidraw is-sitwazzjoni partikolari tas-setturi kkonċernati u li jistgħu jidderogaw totalment jew parzjalment minn dawn il-linji gwida", ara l-punt 2 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali (2000-2006) (ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9): "Barra minn hekk, xi whud mis-setturi li jkopru huma rregolati wkoll minn regoli li huma mmirati speċifikament għas-setturi inkwistjoni".

huwiex limitat għal dak li huwa meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet rilevanti mġarrba fit-twettiq tal-allegat OSP. Barra minn hekk, kif ġie spjegat fil-premessa 167, in-natura, it-tul ta' żmien u l-kamp ta' applikazzjoni tal-allegati obbligi ta' servizz pubbliku ta' PAN ma ġewx definiti b'mod ċar.

(184) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-miżuri mhumiex konformi mal-kundizzjonijiet kollha tal-kompatibbiltà u b'hekk ma jistgħux jiġu ddikjarati bħala kompatibbli skont il-Qafas tas-SIEĠ 2011 fir-rigward tal-għajnuna lil PAN.

(185) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll jekk il-miżuri jistgħux jiġu ddikjarati bħala kompatibbli abbażi tar-regoli applikabbli dwar il-bini tal-bastimenti.

(186) Il-Kummissjoni tinnota li, wara li jitqiesu l-atti dwar l-għoti tal-għajnuna (ara l-premessa 25 u 179), il-bażijiet legali applikabbli għad-diversi għajnuniet huma r-Regolament (KE) Nru 1540/98 u l-Qafas dwar l-għajnuna mill-Istat għall-bini tal-bastimenti, indikati bħala (i) u (ii) fil-premessa 179 ([67]). Il-Kummissjoni vverifikat hawn taħt jekk il-kundizzjonijiet taħt kull waħda mill-bażijiet ta' kompatibbiltà elenkati humiex irrispettati.

(187) Sabiex tkun eliġibbli għall-għajnuna skont ir-regoli dwar il-bini tal-bastimenti, l-għajnuna trid tingħata għal investimenti fit-titjib jew l-immodernizzar tat-tarzni eżistenti, mhux marbuta ma' ristrutturar finanzjarju tat-tarzna/i kkonċernata/i, bil-għan li tittejjeb il-produttività tal-installazzjonijiet eżistenti (minbarra s-sempliċi sostituzzjonijiet tal-assi deprezzati) ([68]).

(188) L-awtoritajiet Taljani ddikjaraw (ara l-premessa 86) li l-allegata għajnuna mhijiex maħsuba sabiex tippromwovi żieda fil-produttività tal-installazzjonijiet eżistenti f'tarzna, iżda pjuttost sabiex twettaq manutenzjoni speċifika ta' ċerti oġġetti ta' infrastruttura tal-port li huma l-unika proprjetà tal-Istat Taljan u li twaqqafhom milli jsiru obsoleti. Għalhekk, l-investimenti mhumiex eliġibbli għall-għajnuna skont ir-regoli dwar il-bini tal-bastimenti.

(189) Barra minn hekk, l-Italja ma wrietx li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv, jiġifieri li applikazzjoni għal għajnuna ġiet sottomessa qabel id-data tal-bidu tax-xogħlijiet jew li l-għajnuna hija limitata sabiex tappoġġja n-nefqa eliġibbli kif definita fil-linji gwida applikabbli dwar l-għajnuna reġjonali (ara l-premessa 89).

(190) Il-finanzjament pubbliku diġà mogħti għal dan il-proġett (EUR 44 138 854,50, jiġifieri 76,42 % tal-kostijiet tal-investiment totali) jaqbeż l-intensità tal-għajnuna massima permissibbli għal għajnuna għall-investiment reġjonali għall-faċilitajiet tal-bini tal-bastimenti taħt it-tliet oqfsa sussegwenti kollha li jirrigwardjaw il-Bini tal-Bastimenti (li varjaw bejn 12,5 % u 22,5 % tal-kostijiet totali tal-investiment skont l-istatus tal-għajnuna reġjonali tar-reġjun rilevanti.

(191) Fid-dawl tal-fatt li l-kundizzjonijiet tal-kompatibbiltà msemmija fuq mhumiex issodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ta' għajnuna favur PAN mhumiex kompatibbli mas-suq intern.

5.3.2. *Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna lil CAMED*

(192) Kif muri fit-Taqsima 5.2.3, l-Italja għamlet żball evidenti ta' apprezzament fil-kwalifika tas-servizzi ta' tiswija tal-bastimenti lil CAMED bħala OSP. Barra minn hekk, l-atti rilevanti ma jagħtu l-ebda indikazzjoni tal-ammont ta' kumpens li għandu jingħata lil CAMED għall-obbligu li jinżamm aċċess miftuħ għall-baċiri mbattlin mill-ilma u, għalhekk, ma jippermettux li jiġi konkluż jekk kwalunkwe kumpens mogħti jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet rilevanti mġarrba fit-twettiq tal-OSP. Il-Kummissjoni tinnota li l-kunsiderazzjoni tal-finanzjament tal-Interventi (fl-ammont ta' EUR 44 138 854,50 ipprovduti mill-Istat Taljan u EUR 13 621 000 ipprovduti mir-riżorsi proprji ta' PAN) bħala kumpens għall-obbligu impost fuq CAMED li jinżamm aċċess miftuħ għall-baċiri mbattlin mill-ilma ma tistax teskludi r-riskju ta' kumpens żejjed (ara l-premessa 162). Barra minn hekk, kif ġie spjegat fil-premessa 162, in-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-allegati obbligi ta' servizz pubbliku ma ġewx definiti b'mod ċar.

(193) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ma jistgħux jiġu ddikjarati bħala kompatibbli skont il-Qafas tas-SIEĠ 2011 fir-rigward tal-allegata għajnuna lil CAMED.

([67]) Ara (i) ir-Regolament (KE) Nru 1540/98, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1999 sal-31 ta' Diċembru 2003; (ii) il-Qafas tal-2004 dwar l-għajnuna mill-Istat għall-bini tal-bastimenti, li oriġinarjament kien applikabbli mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2006, u wara ġie estiż darbtejn sal-31 ta' Diċembru 2008 u sal-31 ta' Diċembru 2011.

([68]) Ara l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1540/98; il-paragrafu 26 tal-Qafas dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Bini tal-Bastimenti tal-2003; il-premessa 13 tal-Qafas dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Bini tal-Bastimenti tal-2011; Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar C21/2006 (ex N 635/2005) li għandha tiġi implimentata mir-Repubblika Slovakka għal Slovense lodenice Komarno, 2007/529/KE

(194) Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-għajnuna lil CAMED abbażi tar-regoli dwar il-bini tal-bastimenti, il-Kummissjoni tinnota li CAMED – bħala l-maniġer u l-operatur tal-faċilitajiet megħjuna – ibbenefikat minn għajnuna operatorja (fil-forma ta' miżati ta' konċessjoni mnaqqsin) li hija maħsuba sabiex tnaqqas in-nefqa li jkollha ġġorr CAMED. Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għas-settur tal-bini tal-bastimenti applikabbli fiż-żmien tal-għoti ta' kull miżura (ara l-premessa 179) ma jipprevedu ebda għajnuna operatorja lill-maniġers jew lill-utenti tal-faċilitajiet tal-bini tal-bastimenti. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna lil CAMED ma tistax tiġi ddikjarata bħala għajnuna kompatibbli.

6. **KONKLUŻJONI DWAR L-EŻISTENZA U L-KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA**

(195) Il-Kummissjoni ssib li l-Italja implimentat l-għajnuna għall-investiment illegalment lil PAN bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

(196) Il-Kummissjoni ssib ukoll li l-Italja implimentat l-għajnuna operatorja illegalment lil CAMED bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

(197) Minħabba li ma tista' tiġi identifikata ebda raġuni sabiex il-miżuri jinstabu li huma kompatibbli mas-suq intern, dawn għandhom jitqiesu li huma inkompatibbli.

7. **IRKUPRU**

7.1. **Perjodu ta' limitazzjoni**

(198) Il-Kummissjoni tinnota li skont l-awtoritajiet Taljani, l-appoġġ pubbliku li qed jiġi vvalutat ma jistax jiġi rkuprat billi l-istatut tal-limitazzjonijiet stabbilit mill-Artikolu 17 tar-Regolament Proċedurali skada.

(199) L-Artikolu 17(1) jiddikjara li "s-setgħat tal-Kummissjoni sabiex tirkupra l-għajnuna għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' 10 snin". Madankollu, skont l-Artikolu 17(2): "il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jibda dakinhar li l-għajnuna illegali tingħata lill-benefiċjarju bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna f'forma ta' skema ta' għajnuna. Kull azzjoni meħuda mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru, li jaġixxi skont it-talba tal-Kummissjoni, dwar l-għajnuna illegali, għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni. Kull interruzzjoni għandha terġa' tibda tiddekorri mill-bidu. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jkun sospiż sakemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun is-suġġett tal-proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea".

(200) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-argumenti tal-awtoritajiet Taljani ma jistgħux jiġu aċċettati. Tabilħaqq, l-azzjonijiet tal-Kummissjoni sabiex jintbagħtu talba għall-informazzjoni f'Marzu 2006, żewġ ittri ta' valutazzjoni preliminari lill-ilmentatur fl-2013 u fl-2014 u talbiet għal aktar informazzjoni lill-awtoritajiet Taljani (ara l-premessi 3, 5 u 6) interrompew il-perjodu ta' limitazzjoni u, għalhekk, l-istatut tal-perjodu ta' limitazzjonijiet ta' 10 snin ma skadiex.

7.2. **Aspettattivi leġittimi u ċertezza legali**

(201) Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Proċedurali, kwalunkwe għajnuna li tinstab li hija inkompatibbli mas-suq intern trid tiġi rkuprata.

(202) Madankollu, l-Artikolu 16(1) jistabbilixxi li "*[I]l-Kummissjoni ma għandhiex teħtieġ li jsir irkupru tal-għajnuna jekk dan imur kontra xi prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Unjoni*". F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li l-Kummissjoni hija meħtieġa tikkunsidra, fuq inizjattiva tagħha stess, iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jipprovdu ġustifikazzjoni, skont l-Artikolu 16(1), sabiex hija ma tordnax l-irkupru tal-għajnuna mogħtija illegalment meta tali rkupru jmur kontra xi prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Unjoni ([69]).

(203) Il-Kummissjoni tinnota li l-Italja u CAMED ressqu fil-kummenti tagħhom għad-Deċiżjoni tal-Ftuħ l-argument li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija illegali u tirrappreżenta ksur tal-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba, ċertezza legali u aspettattivi leġittimi (ara l-premessi 52-54 u 91).

([69]) Is-sentenza fil-Kawża 223/85 *RSV vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1987:502.

(204) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt li jiġi invokat il-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jippresupponi li ngħataw garanziji preċiżi, inkundizzjonati u konsistenti li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli lill-persuna kkonċernata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni ([70]). Skont il-ġurisprudenza, dawn il-garanziji jistgħu jkunu espliċiti (pereżempju, komunikazzjoni diretta lill-Istat Membru dwar il-validità ta' miżura partikolari) ([71]) jew impliċiti (pereżempju, dewmien żejjed fil-proċedimenti, approvazzjoni ta' skemi simili fil-passat) ([72]). Ma tistax tinżamm aspettattiva leġittima li l-għajnuna li tingħata tkun legali, mingħajr ċirkostanzi eċċezzjonali, sakemm l-għajnuna ma tkunx ingħatat f'konformità mar-rekwiżiti ta' notifika tal-Artikolu 108 tat-TFUE ([73]).

(205) Il-Kummissjoni ssib li ma hemm ebda ksur tal-prinċipju ta' aspettattiva leġittima fil-każ inkwistjoni. Tabilħaqq, kif ġie spjegat fil-premessi 147 sa 150, l-għajnuna qatt ma ġiet innotifikata lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Taljani. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tat ebda assigurazzjoni preċiża, inkundizzjonata u konsistenti dwar il-miżura bħala mhux għajnuna jew bħala għajnuna kompatibbli ([74]).

(206) Ir-rekwiżit fundamentali ta' ċertezza legali, kopert ukoll mill-Artikolu 16 tar-Regolament Proċedurali, huwa maħsub sabiex jiżgura l-prevedibbiltà tas-sitwazzjonijiet u r-relazzjonijiet legali rregolati mid-dritt tal-Unjoni u, b'hekk, għandu l-effett li jwaqqaf lill-Kummissjoni milli ddewwem b'mod indefinit l-eżerċitar tas-setgħat tagħha ([75]).

(207) Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, fid-dawl taċ-ċirkostanzi ferm speċifiċi ta' dan il-każ, li l-prinċipju taċ-ċertezza legali ma ġiex ikkunsidrat b'mod xieraq vis-à-vis l-awtoritajiet Taljani.

(208) Il-Kummissjoni ssib li hemm evidenza sħiħa li tissuġġerixxi (i) li l-Kummissjoni dewmet l-eżerċitar tas-setgħat tagħha meta ġiet biex teżamina l-miżuri inkwistjoni u (ii) li l-indikazzjoni impliċita mogħtija mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet Taljani qabel il-ftuħ mill-ġdid tal-fajl fl-2013 setgħet żgwidathom f'dak li għandu x'jaqsam mal-legalità ta' dawk il-miżuri ([76]).

(209) L-ewwel nett, il-Kummissjoni dewmet l-eżerċitar tas-setgħat tagħha meta ġiet biex teżamina l-miżuri inkwistjoni: il-Kummissjoni bagħtet talba għall-informazzjoni f'Marzu 2006, li għaliha l-Italja wieġbet fit-3 ta' April 2006 billi pprovdiet informazzjoni eżawrjenti li suppost kellha twassal lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li l-miżura taħt skrutinju kienet fil-fatt appoġġ pubbliku. Madankollu, is-servizzi tal-Kummissjoni ma segwew dik l-ittra b'ebda mezz u, barra minn hekk, il-fajl ingħalaq. Il-fajl infetaħ mill-ġdid biss seba' snin wara, wara ilment formali fi Frar 2013. Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ fl-aħħar mill-aħħar inħarġet f'Ġunju 2016.

(210) It-tieni nett, l-indikazzjoni impliċita mogħtija mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet Taljani qabel il-ftuħ mill-ġdid tal-fajl fl-2013 setgħet qarrqet b'dawk l-awtoritajiet rigward il-legalità tiegħu. Permezz tal-ittra tagħhom datata t-3 ta' April 2006, l-awtoritajiet Taljani sostnew li l-baċiri mbattlin mill-ilma inkwistjoni kienu infrastruttura pubblika u, bħala tali, mhumiex soġġetti għal-Linji Gwida dwar il-Bini tal-Bastimenti. Madankollu, l-informazzjoni li l-awtoritajiet Taljani pprovdew lill-Kummissjoni suppost li kellha twassal lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li l-miżura taħt skrutinju kienet fil-fatt appoġġ pubbliku għall-faċilitajiet għall-bini u t-tiswija tal-bastimenti li kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, li kellha tkun innotifikata lill-Kummissjoni. Għalhekk, anki jekk il-Kummissjoni ġiet infurmata dwar in-natura tal-proġett ta' investiment megħjun, hija ma ħaditx azzjonijiet ulterjuri u ma wettqet ebda investigazzjoni ulterjuri matul il-perjodu 2006-2013, sabiex b'hekk tat lill-Italja s-sinjal impliċitu li l-karatterizzazzjoni tagħhom ta' baċiri mbattlin mill-ilma bħala infrastruttura portwarja kienet korretta.

(211) Is-seba' snin li għaddew bejn it-tweġiba mill-awtoritajiet Taljani għall-ittra tal-Kummissjoni u t-talba ulterjuri għall-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Italja setgħu wasslu sabiex l-Italja - f'dan il-każ speċifiku - tassumi li, minħabba s-silenzju tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni oriġinali tal-Italja, li abbażi tagħha l-miżura kienet taqa' barra mill-mandat tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat u, b'hekk, ma kienet meħtieġa ebda notifika, ġiet approvata impliċitament mill-Kummissjoni. Filwaqt li huwa veru li, fil-prinċipju, in-nuqqas ta' reazzjoni mill-Kummissjoni għat-tweġiba ta' Stat Membru ma jistax, minnu nnifsu, jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, madankollu, huwa ċar li dan il-każ partikolari jinvolvi mhux biss nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-

([70]) Is-sentenza fil-Kawża C-537/08 P *Kahla Thuringen* Porzellan ECLI:EU:C:2010:769, para. 63 u l-ġurisprudenza ċċitata.
([71]) Is-sentenza fil-Kawża 267/85 *Van den Bergh en Jurgens v Commission* ECLI:EU:C:1987:121, para. 44.
([72]) Is-sentenza fil-Kawża 223/85 *RSV vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1987:502.
([73]) Is-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-630/11 P sa C-633/11 P *HGA Srl u oħrajn* ECLI:EU:C:2013:387, para. 134.
([74]) Ara, dwar id-definizzjoni tal-prinċipju ta' aspettattiva leġittima, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi 265/85 *Van den Bergh en Jurgens vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1987:121, para. 44, u C-152/88 *Sofrimport vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1990:259, para. 26; is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Kawżi T-290/97 *Mehibas Dordtselaan vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:2000:8, para. 59, u T- 223/00 *Kyowa Hakko Kogyo vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:2003:194, para. 51; ara, dwar in-nuqqas ta' aspettattiva leġittima min-naħa ta' dawk li jirċievu għajnuna implimentata illegalment, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-183/02 P u C-187/02 P *Demesa u Territorio Histórico de Álava vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2004:701, para. 44 u 45, u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk.
([75]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-74/00 P u C-75/00 P *Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2002:524, para. 140.
([76]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/256/KE tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-iskema ta' għajnuna implimentata minn Franza skont l-Artikolu 39 CA tal-Kodiċi Fiskali Ġenerali — għajnuna mill-Istat C 46/2004 (ex NN 65/2004) ĠU L 112, 30.4.2007, p. 41 u s-Sentenza fil-Kawża C-408/04 P *Il-Kummissjoni vs Salzgitter* ECLI:EU:C:2008:236, para. 106.

Kummissjoni, iżda wkoll indikazzjoni impliċita mogħtija mis-servizzi tal-Kummissjoni lill-Italja, li tirriżulta f'taħlita eċċezzjonali ta' ċirkostanzi. Konsegwentement, (i) id-dewmien ta' seba' snin fil-proċess inizjali tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (billi ma segwietx l-ittra inizjali tal-awtoritajiet Taljani datata t-3 ta' April 2006), flimkien ma' (ii) in-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni li, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ preżenti, seta' kien interpretat bħala aċċettazzjoni taċita tal-pożizzjoni tal-awtoritajiet Taljani dwar l-identifikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-qafas legali għall-valutazzjoni tal-miżura, setgħu ħallew lok għal dubju dwar il-legalità tal-miżuri u waqqfu lill-awtoritajiet Taljani milli jieħdu passi sabiex iġibu l-miżuri kkonċernati f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'mod f'waqtu.

(212) Għalhekk, abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ preżenti u tal-elementi msemmija hawn fuq meħuda flimkien, sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà tas-sitwazzjonijiet u r-relazzjonijiet legali rregolati mil-liġi tal-Unjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ preżenti jfissru li l-Italja ma għandhiex tkun meħtieġa li tirkupra kwalunkwe għajnuna inkompatibbli msemmija fit-Taqsima 5 favur PAN jew CAMED li ngħatat qabel it-talba għal informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Italja fit-28 ta' Frar 2013, li permezz tagħha l-każ preżenti nfetaħ mill-ġdid.

(213) Fir-rigward tal-għajnuna mogħtija wara t-28 ta' Frar 2013, kwalunkwe għajnuna inkompatibbli tista' tiġi rkuprata mingħand il-benefiċjarji tagħha. Tabilħaqq, il-Kummissjoni ssib li wara li ntbagħtet it-talba dettaljata għall-informazzjoni fit-28 ta' Frar 2013, l-awtoritajiet Taljani kienu infurmati bis-sħiħ dwar id-dubji tal-Kummissjoni rigward il-legalità u l-kompatibbiltà tal-għajnuna.

(214) Madankollu, kif ġie nnotat fil-premessa 178 ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri kollha involuti ngħataw lil PAN qabel it-28 ta' Frar 2013, id-data tat-talba għall-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Italja wara l-ilment formali tal-2013. CAMED ingħatat ukoll il-miżuri kollha involuti qabel it-28 ta' Frar 2013, minħabba li hija kisbet id-dritt legali li tirċievi l-għajnuna bis-saħħa tal-ftehim ta' Konċessjoni tal-2004. Għalhekk, l-ebda waħda mill-miżuri ta' għajnuna li kienu s-suġġett tal-każ preżenti ma ngħatat wara t-28 ta' Frar 2013.

7.3. **Għajnuna li għandha tiġi rkuprata minn PAN u CAMED**

(215) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi ppreżentati f'dan il-każ, kif ġie spjegat fil-premessi 207 sa 211 u l-konklużjoni fil-premessa 214, l-Italja ma għandha tirkupra ebda ammont minn PAN jew CAMED. Għall-istess raġunijiet, din id-deċiżjoni ma tipprekludix il-pagamenti futuri dwar l-ammonti speċifiċi ta' għajnuna li kienu diġà ngħataw lil PAN (permezz tad-Digriet Ministerjali tas-27 ta' Ottubru 1999, li ġie adottat fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas ġenerali stabbilit fil-Liġi 413/1998, li jinqara flimkien mad-Digriet Ministerjali tat-2 ta' Mejju 2001) u lil CAMED (permezz tal-ftehim ta' Konċessjoni tal-2004) qabel it-28 ta' Frar 2013.

(216) Madankollu, jekk l-Italja tikkontempla li tagħti miżuri ta' għajnuna oħrajn fil-Port ta' Napli, l-Italja ovvjament tkun obbligata skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE li tinnotifika tali miżuri lill-Kummissjoni għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern (ħlief, ovvjament, jekk tali miżuri jkunu eżentati kategorikament minnotifika),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) L-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' għajnuna għall-investiment mill-Italja favur PAN mogħtija permezz tad-Digriet Ministerjali tas-27 ta' Ottubru 1999, li ġie adottat fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas ġenerali stabbilit fil-Liġi 413/1998, moqri flimkien mad-Digriet Ministerjali tat-2 ta' Mejju 2001, li daħlet fis-seħħ illegalment mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija inkompatibbli mas-suq intern.

(2) L-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' miżati ta' konċessjoni indebitament baxxi mill-Awtorità tal-Port ta' Napli favur CAMED, li daħlet fis-seħħ illegalment mill-Italja permezz tal-ftehim ta' Konċessjoni tal-2004 iffirmat minn CAMED u PAN fid-29 ta' Lulju 2004, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

L-Italja mhijiex obbligata li tirkupra l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2018.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni